

REGOLAMENT (UE) Nru 517/2014 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
tas-16 ta' April 2014
dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Ir-Raba' Rapport ta' Valutazzjoni tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima ("IPCC") tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima ("UNFCCC"), li l-Unjoni hija parti għaliha ⁽³⁾, iddikjara li, abbażi tad-data xjentifika eżistenti, il-pajjiżi żviluppatti jkollhom b'zonn inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra bi 80 % sa 95 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2050 sabiex it-tibdil fil-klima globali jiġi limitat għal żieda fit-temperatura ta' 2 °C u b'hekk jiġu pprevenuti effetti klimatiċi mhux mixtieqa.
- (2) Sabiex tintlaħaq din il-mira, il-Kummissjoni adottat Pjan direzzjonali lejn ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050, li ġie nnotat mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Mejju 2011, u approvat mill-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2012. F'dak il-Pjan direzzjonali, il-Kummissjoni stabbilixxiet mod kosteffikaċi sabiex jinkiseb it-tnaqqis globali meħtieġ ta' emissjonijiet fl-Unjoni sal-2050 Dak il-pjan direzzjonali jistabbilixxi l-kontributi settorjali meħtieġa f'sitt oqsma. L-emissjonijiet mhux tas-CO₂, inklużi l-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra imma esklużi l-emissjonijiet mhux tas-CO₂ mill-agrikoltura, għandhom jitnaqqsu bi 72 % sa 73 % sal-2030 u b'70 % sa 78 % sal-2050, meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Jekk is-sena ta' referenza 2005 tiġi kkunsidrata bħala bażi, huwa meħtieġ tnaqqis fl-emissjonijiet mhux tas-CO₂, minbarra dawk mill-agrikoltura, ta' 60 % sa 61 % sal-2030. Ġie smat li, fl-2005, l-emissjonijiet tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra kienu ta' 90 miljun tunnellata (Mt) ta' ekwivalenti għal CO₂. Tnaqqis ta' 60 % ifisser li l-emissjonijiet ikollhom jitnaqqsu għal madwar 35 Mt ta' ekwivalenti għal CO₂ sal-2030. B'kont meħud tal-emissjonijiet smati ta' 104 Mt ta' ekwivalenti għal CO₂ fl-2030, abbażi ta' applikazzjoni sħiħa tal-leġislazzjoni attwali tal-Unjoni, huwa meħtieġ tnaqqis ulterjuri ta' madwar 70 Mt ta' ekwivalenti ta' CO₂.
- (3) Ir-rapport tal-Kummissjoni tas-26 ta' Settembru 2011 dwar l-applikazzjoni, l-effetti u l-adeqgatezza tar-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ kkonkluda li l-miżuri ta' trażżin attwali, jekk jiġu applikati b'mod sħiħ, għandhom il-potenzjal li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra. Għaldaqstant, dawk il-miżuri għandhom jinżammu u jiġu ċċarati abbażi tal-esperjenza miksuba bl-implimentazzjoni tagħhom. Ċerti miżuri għandhom ukoll jiġu estiżi għal tagħmir ieħor li fih jintużaw kwantitajiet sostanzjali ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, bħat-trakkijiet u t-trejlers refriġerati. L-obbligu li jiġu stabbiliti u jinżammu rekords tat-tagħmir li fih gassijiet bħal dawn, għandu jkopri wkoll switchgear tal-elettriku. Minħabba l-importanza tal-miżuri ta' trażżin għal meta jspicċa l-użu tal-prodotti u tagħmir li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-valur tal-iskemi għar-responsabbiltà tal-produttur u jħeġġu l-istabbiliment tagħhom, abbażi tal-aħjar Prattiki eżistenti.
- (4) Dak ir-rapport ikkonkluda wkoll li jista' jsir aktar sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra fl-Unjoni, b'mod partikolari billi jiġi evitat l-użu ta' tali gassijiet fejn ikun hemm teknoloġiji alternattivi sikuri u effiċjenti fl-użu tal-enerġija bl-ebda impatt jew b'impatt iżgħar fuq il-klima. Tnaqqis li jlaħħaq iż-żewġ terzi tal-emissjonijiet tal-2010 sal-2030, huwa kosteffikaċi għaliex alternattivi pprovati u ttestjati huma disponibbli f'bosta setturi.

⁽¹⁾ ĠU C 271, 19.9.2013, p. 138.

⁽²⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2014 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014.

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 94/69/KE tal-15 ta' Diċembru 1993 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 33, 7.2.1994, p. 11).

⁽⁴⁾ Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar ċerti gassijiet serra flworinati (ĠU L 161, 14.6.2006, p. 1).

- (5) Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2011 dwar approċċ komprensiv għall-emissjonijiet antropoġeniċi mhux tas-CO₂ li huma rilevanti għall-klima laqgħet l-impenn tal-Unjoni li tappoġġa azzjoni dwar l-idrofluworokarburi skont il-Protokoll ta' Montreal dwar Sostanzi li Jagħmlu Ħsara lis-Saff tal-Ożonu ("Protokoll ta' Montreal") bħala eżempju primarju ta' approċċ mhux ibbażat fuq is-suq biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra. Dik ir-Riżoluzzjoni appellat ukoll għall-esplorazzjoni ta' modi għall-promozzjoni ta' tnaqqis gradwali immedjat tal-idrofluworokarburi fil-livell internazzjonali permezz tal-Protokoll ta' Montreal.
- (6) Sabiex jithegġegħ l-użu ta' teknoloġiji li ma għandhomx impatt, jew għandhom impatt aktar baxx, fuq il-klima, it-taħriġ ta' persuni fiżiċi li jwettqu attivitajiet li jinvolvu gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandu jkopri informazzjoni dwar teknoloġiji li jservu biex jissostitwixxu u jnaqqsu l-użu tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra. Minħabba li xi refriġeranti alternattivi użati fi prodotti u taġmhir biex jissostitwixxu u jnaqqsu l-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jistgħu jkunu tossiċi, fjamabbli jew ikunu taħt pressjoni għolja, il-Kummissjoni għandha teżamina l-leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni li tkopri t-taħriġ ta' persuni fiżiċi għat-trattament sikur ta' refriġeranti alternattivi u, jekk ikun adatt, għandha tippreżenta proposta leġislattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex il-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni tiġi emendata.
- (7) Għandhom jiġu stabbiliti ċertifikazzjoni u programmi ta' taħriġ jew jiġu adattati b'kont meħud ta' dawk stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 u jistgħu jiġu integrati fis-sistemi tat-taħriġ vokazzjonali.
- (8) Sabiex tiġi żgurata koerenza mar-reqwiziti ta' monitoraġġ u ta' rappurtar taħt l-UNFCCC u d-Deċizzjoni 4/CMP.7 tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto għall-UNFCCC, adottata mis-seba' Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC imlaqqgħin f'Durban fil-11 ta' Diċembru 2011, il-potenzjal ta' tisħin globali għandu jiġi kkalkolat f'termini ta' potenzjal ta' tisħin globali fuq 100 sena ta' kilogramma ta' gass mqabbel ma' kilogramma ta' CO₂. Fejn ikun possibbli, il-kalkolu għandu jkun ibbażat fuq ir-Raba' Rapport ta' Valutazzjoni adottat mill-IPCC.
- (9) Il-monitoraġġ effettiv tal-emissjonijiet ta' gass fluworurat b'effett ta' serra huwa kruċjali biex jiġi segwit il-progress lejn il-kisba tal-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet u għall-valutazzjoni tal-impatt ta' dan ir-Regolament. L-użu ta' data konsistenti u ta' kwalità għolja għar-rappurtar dwar l-emissjonijiet ta' gass fluworurat b'effett ta' serra huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-kwalità tar-rappurtar tal-emissjonijiet. L-istabbiliment ta' sistemi ta' rappurtar mill-Istati Membri tal-emissjonijiet ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandu jipprovdi koerenza mar-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾. Id-data miġbura mill-kumpanniji dwar it-tnixxija ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra minn taġmhir taħt dan ir-Regolament, tista' ttejjeb b'mod sinifikanti dawk is-sistemi ta' rappurtar tal-emissjonijiet. B'dak il-mod, għandu jkun possibbli li l-konsistenza tad-data użata biex jinkisbu l-emissjonijiet tiġi vverifikata u l-approssimazzjonijiet ibbażati fuq il-kalkoli jittejjeb, u dan iwassal għal stima aħjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fluworurati fl-inventorji nazzjonali tal-gassijiet b'effett ta' serra.
- (10) Peress li hemm alternattivi adegwati disponibbli, il-projbizzjoni attwali fuq l-użu tal-eżafuworur tal-kubrit fid-die casting tal-manjeżju u fuq ir-riċiklaġġ tal-liġi tad-die casting tal-manjeżju għandha tiġi estiża għall-faċilitajiet li jużaw inqas minn 850 kg ta' eżafuworur tal-kubrit fis-sena. Bl-istess mod, b'perjodu transitorju xieraq, l-użu ta' refriġeranti b'potenzjal ta' tisħin globali għoli ħafna ta' 2 500 jew aktar, sabiex isir service jew manutenzjoni fuq it-taġmhir ta' refriġerazzjoni jew sabiex dan jinżamm b'daqs ta' ċarġ ekwivalenti għal 40 tunnellata ta' CO₂ jew aktar, għandu jiġi pprojbit.
- (11) Fejn alternattivi adegwati għall-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra speċifiċi jkun disponibbli, għandhom jiġu introdotti projbizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq ta' taġmhir ġdid għar-refriġerazzjoni, l-arja kondizzjonata u l-protezzjoni kontra n-nar li jkun fih dawk is-sustanzi, jew li l-funzjonament tiegħu jiddependi minnhom. Fejn alternattivi vijabbli ma jkun disponibbli jew ma jkun jistgħu jintużaw minħabba raġunijiet tekniċi jew ta' sikurezza, jew fejn l-użu ta' tali alternattivi jkun jimplika spejjeż sproporzjonati, għandu jkun possibbli li l-Kummissjoni tawtorizza eżenzjoni li tippermetti t-tqegħid fis-suq ta' tali prodotti u taġmhir għal perjodu limitat. Fid-dawl ta' żviluppi tekniċi futuri, il-Kummissjoni għandha tivvaluta aktar il-projbizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq ta' taġmhir ġdid għal switchgear sekondarju ta' vultaġġ medju u għal sistemi żgħar ġodda tal-arja kondizzjonata maqsumin f'żewġ partijiet.

⁽¹⁾ Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rappurtar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċizzjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13).

- (12) It-tagħmir li fih il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandu jkun permess li jitqiegħed fis-suq jekk l-emissjonijiet ġenerali ta' gassijiet b'effett ta' serra ta' dak it-tagħmir, b'kont meħud ta' rati reali ta' tnixxija u rkupru, jkunu aktar baxxi, matul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu minn dawk li jirriżultaw minn tagħmir ekwivalenti mingħajr gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jkollu l-konsum massimu ta' enerġija permess stabbilit fil-miżuri ta' implimentazzjoni rilevanti adottati skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾. Ir-reviżjoni regolari u f'waqtha ta' dawk il-miżuri ta' implimentazzjoni, f'konformità ma' dik id-Direttiva għandha tgħin biex jiġi żgurat li dawk il-miżuri ta' implimentazzjoni jibqgħu jkunu effettivi u adatti.
- (13) It-tnaqqis gradwali tal-kwantitajiet ta' idrofluworokarburi li jistgħu jitqiegħdu fis-suq ġie identifikat bħala l-aktar mod effettiv u kosteffiċjenti sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' dawk is-sustanzi tul medda twila ta' żmien.
- (14) Sabiex jiġi implimentat it-tnaqqis gradwali tal-kwantitajiet ta' idrofluworokarburi li jistgħu jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha talloka kwoti lil produtturi u importaturi individwali għat-tqiegħid fis-suq tal-idrofluworokarburi biex il-limitu kwantitattiv globali għat-tqiegħid tal-idrofluworokarburi fis-suq ma jinqabiżx. Għall-protezzjoni tal-integrità tat-tnaqqis gradwali tal-kwantitajiet ta' idrofluworokarburi imqiegħda fuq is-suq, għandu jittieħed kont tal-idrofluworokarburi li jinsabu fit-tagħmir taħt is-sistema ta' kwoti tal-Unjoni. Fejn l-idrofluworokarburi li jinsabu f'tagħmir ma jkunux tqiegħdu fis-suq qabel ma t-tagħmir ġie ċċarġjat, għandha tkun meħtieġa dikjarazzjoni tal-konformità biex tipprova li qed jittieħed kont ta' dawk l-idrofluworokarburi taħt is-sistema ta' kwoti tal-Unjoni.
- (15) Inizjalment, il-kalkolu tal-valuri ta' referenza u l-allokazzjoni tal-kwoti lil produtturi u importaturi individwali għandha tkun ibbażata fuq il-kwantitajiet ta' idrofluworokarburi li huma rrappurtaw li qiegħdu fis-suq matul il-perjodu ta' referenza mill-2009 sal-2012.. Madankollu, sabiex l-impriżi żgħar ma jiġux esklużi, ħdax fil-mija tal-limitu kwantitattiv globali għandu jiġi rriżervat għall-importaturi u l-produtturi li ma qiegħdux fis-suq tunnellata jew aktar ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra fil-perjodu ta' referenza.
- (16) Permezz tal-kalkolu mill-ġdid regolari tal-valuri ta' referenza u tal-kwoti, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-impriżi jkunu jistgħu jkomplu l-attivitajiet tagħhom abbażi tal-volumi medji li qiegħdu fis-suq fi snin reċenti.
- (17) Il-proċess tal-manifattura ta' xi gassijiet fluworurati jista' jirriżulta f'emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet fluworurati oħra b'effett ta' serra iġġenerati bħala prodotti sekondarji. Tali emissjonijiet sekondarji għandhom jinqerdu jew jiġu rkuprati għal użu sussegwenti bħala kondizzjoni għat-tqiegħid ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra fuq is-suq.
- (18) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun stabbilit reġistru elettroniku ċentrali għall-ġestjoni tal-kwoti għat-tqiegħid ta' idrofluworokarburi fuq is-suq, inkluż ir-rappurtar ta' tagħmir imqiegħed fis-suq, b'mod partikolari fejn it-tagħmir ikun iċċarġjat minn qabel b'idrofluworokarburi li ma jkunux tqiegħdu fuq is-suq qabel l-iċċarġjar, u b'hekk jeħtieġ verifika, permezz ta' dikjarazzjoni tal-konformità u verifika sussegwenti minn parti terza li jittieħed kont tal-kwantitajiet ta' idrofluworokarburi taħt il-kwota tas-sistema tal-Unjoni.
- (19) Sabiex tinżamm il-flessibbiltà tas-suq fl-idrofluworokarburi bl-ingrossa, għandu jkun possibbli li l-kwoti allokati jiġu trasferiti abbażi ta' valuri ta' referenza lil produttur jew importatur ieħor fl-Unjoni jew lil produttur jew importatur ieħor li huwa rappreżentant fl-Unjoni minn rappreżentant uniku.
- (20) Sabiex tkun tista' tiġi mmonitorjata l-effettività ta' dan ir-Regolament, l-ambitu tal-obbligi attwali ta' rappurtar għandu jiġi estiż biex ikopri sustanzi fluworurati oħrajn li jkollhom potenzjal ta' tisħin globali sinifikanti jew li għandhom il-possibbiltà li jissostitwixxu l-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I. Għall-istess raġuni, il-qerda tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u l-importazzjoni fl-Unjoni ta' dawk il-gassijiet meta jkunu inklużi fi prodotti u f'tagħmir għandhom jiġu rappurtati wkoll. Għandhom jiġu ffixxati limiti de minimis sabiex jiġi evitat piż amministrattiv sproporzjonat, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-mikroimpriżi.
- (21) Il-Kummissjoni għandha timmonitorja b'mod kontinwu l-effetti tat-tnaqqis tal-kwantitajiet ta' idrofluworokarburi li tqiegħdu fis-suq, inkluż l-effetti tiegħu fuq il-provvista għat-tagħmir li fih l-użu tal-idrofluworokarburi jirriżulta f'emissjonijiet aktar baxxi tul iċ-ċiklu tal-ħajja milli kieku ntużat teknoloġija alternattiva. Sa tmiem l-2020 il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport dwar id-disponibbiltà ta' idrofluworokarburi fis-suq tal-Unjoni. Sa

⁽¹⁾ Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

tmiem l-2022 għandu jsir eżami komprensiv mill-Kummissjoni fil-ħin biex id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jiġu adattati fid-dawl tal-implimentazzjoni tiegħu u ta' żviluppi ġodda u impenji internazzjonali, u biex jiġu proposti, jekk ikun xieraq, aktar miżuri ta' tnaqqis.

- (22) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill l (1).
- (23) Sabiex jiġu emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"). Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni ttwettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma ta' tħejji tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tħejji u tfassal atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trasmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (24) Peress li huwa adottat bis-saħħa tal-Artikolu 192(1) tat-TFUE, dan ir-Regolament ma jimpedixx lill-Istati Membri milli jżommu jew jintroduċu miżuri protettivi aktar stretti li huma kompatibbli mat-TFUE. Skont l-Artikolu 193 TFUE, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe miżura bħal din.
- (25) Dan ir-Regolament jemenda u jikkomplementa s-suġġett tar-Regolament (KE) Nru 842/2006, li għaldaqstant għandu jiġi jthassar. Madankollu, sabiex tiġi żgurata transizzjoni bla xkiel mis-sistema l-qadima għas-sistema l-ġdida, huwa xieraq li jiġi previst li r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1493/2007 (2), (KE) Nru 1494/2007 (3), (KE) Nru 1497/2007 (4), (KE) Nru 1516/2007 (5), (KE) Nru 303/2008 (6), (KE) Nru 304/2008 (7), (KE) Nru 305/2008 (8), (KE) Nru 306/2008 (9), (KE) Nru 307/2008 (10) u (KE) Nru 308/2008 (11) għandhom jibqgħu fis-seħħ u jibqgħu japplikaw dment li ma jitħassrux jew sakemm jitħassru permezz ta' atti delegati jew atti ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament.
- (26) Billi l-oġettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu suffiċjentement mill-Istati Membri iżda, minħabba n-natura transkonfinali tal-problema ambjentali indirizzata u l-effetti ta' dan ir-Regolament fuq il-kummerċ fl-Unjoni

(1) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(2) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1493/2007 tas-17 ta' Diċembru 2007 jistabbilixxi, b'osservanza tar-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-format tar-rapport li għandu jkun ippreżentat mill-produtturi, l-importaturi u l-esportaturi ta' ċerti gassijiet serra fluworinati (ĠU L 332, 18.12.2007, p. 7).

(3) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1494/2007 tas-17 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-forma tat-tikketti u rekwiżiti addizzjonali ta' tikkettar rigward prodotti u tagħmir li jkollhom ċerti gassijiet serra fluworinati (ĠU L 332, 18.12.2007, p. 25).

(4) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1497/2007 tat-18 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi, b'segwitu għar-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti standard għal kontrolli ta' tnixxija minn sistemi stazzjonarji ta' protezzjoni min-nar li fihom ċerti gassijiet serra flworinati (ĠU L 333, 19.12.2007, p. 4).

(5) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1516/2007 tad-19 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, rekwiżiti standard għall-kontroll ta' tnixxija minn tagħmir stazzjonarju ta' refriġerazzjoni, ikkundizzjonar tal-arja u b'pompa tas-sħana li jkun fihom ċerti gassijiet serra flworinati (ĠU L 335, 20.12.2007, p. 10).

(6) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 303/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet għall-rikonossiment reċiproku għaċ-ċertifikazzjoni ta' kumpaniji u persunal fir-rigward ta' tagħmir fiss ta' refriġerazzjoni, arja kundizzjonata u pompi tas-sħana li fi hli ċerti gassijiet serra fluworinati (ĠU L 92, 3.4.2008, p. 3).

(7) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 304/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet għall-għarfien reċiproku għaċ-ċertifikazzjoni tal-kumpaniji u tal-persunal f'dak li għandu x'jaqsam ma' sistemi stazzjonarji ta' protezzjoni min-nar u ma' pompi tat-tifi tan-nar li fi hli ċerti gassijiet serra fluworinati (ĠU L 92, 3.4.2008, p. 12).

(8) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 305/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet għall-għarfien reċiproku għaċ-ċertifikazzjoni tal-persunal li jkun qed jagħmel xogħol ta' rkupru ta' ċerti solventi b'bażi ta' gass serra fluworinat mit-tagħmir (ĠU L 92, 3.4.2008, p. 21).

(9) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 306/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet għall-għarfien reċiproku għaċ-ċertifikazzjoni tal-persunal li jkun qed jagħmel xogħol ta' rkupru ta' ċerti solventi b'bażi ta' gass serra fluworinat mit-tagħmir (ĠU L 92, 3.4.2008, p. 21).

(10) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 307/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi għall-programmi ta' taħriġ u l-kundizzjonijiet għall-għarfien reċiproku tal-attestazzjonijiet ta' taħriġ tal-persunal f'dak li għandu x'jaqsam ma' sistemi ta' kundizzjonament tal-arja li fi hli ċerti gassijiet serra fluworinati f'vetturi bil-mutur (ĠU L 92, 3.4.2008, p. 25).

(11) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 308/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-format għan-notifika tal-programmi ta' taħriġ u ċertifikazzjoni tal-Istati Membri (ĠU L 92, 3.4.2008, p. 28).

u dak estern, jistgħu pjuttost jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

L-oġġettiv ta' dan ir-Regolament hu li jipproteġi l-ambjent bit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra. Għaldaqstant, dan ir-Regolament

- (a) jistabbilixxi regoli dwar it-trażżin, l-użu, l-irkupru u l-qerda ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, u miżuri anċillari relatati;
- (b) jimponi kondizzjonijiet dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti speċifiċi u tagħmir li fih, jew li l-funzjonament tiegħu jiddependi minn, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra;
- (c) jimponi kondizzjonijiet dwar użi speċifiċi tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra; u
- (d) jistabbilixxi limiti kwantitattivi għat-tqegħid fis-suq tal-idrofluworokarburi.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "gassijiet fluworurati b'effett ta' serra" tfisser idrofluworokarburi, perfluworokarburi, l-eżafufluworur tal-kubrit u gassijiet b'effett ta' serra oħrajn li fihom il-fluworu, elenkati fl-Anness I, jew taħlitiet li jkun fihom xi waħda minn dawk is-sustanzi;
2. "idrofluworokarburi" jew "HFCs" tfisser is-sustanzi elenkati fit-taqsim 1 tal-Anness I, jew taħlitiet li fihom xi waħda minn dawn is-sustanzi;
3. "perfluworokarburi" jew "PFCs" tfisser is-sustanzi elenkati fit-taqsim 2 tal-Anness I, jew taħlitiet li fihom xi waħda minn dawn is-sustanzi;
4. "eżafufluworur tal-kubrit" jew "SF6" tfisser is-sustanza elenkata fit-taqsim 3 tal-Anness I, jew taħlitiet li fihom din is-sustanza;
5. "taħlita" tfisser fluwidu jew soluzzjoni magħmula minn żewġ sustanzi jew aktar, li tal-inqas waħda minnhom hija sustanza elenkata fl-Anness I jew fl-Anness II;
6. "potenzjal ta' tisħin globali" jew "GWP" tfisser il-potenzjal ta' tisħin klimatiku ta' gass serra meta mqabbel ma' dak tad-diossidu tal-karbonju ("CO₂"), ikkalkolat f'termini tal-potenzjal ta' tisħin fuq mitt (100) sena, ta' kilogramma ta' gass b'effett ta' serra meta mqabbel ma' kilogramma ta' CO₂, kif ġie stipulat fl-Annessi I, II u IV jew, fil-każ ta' taħlitiet, ikkalkolat skont l-Anness IV;
7. "tunnellata/i ta' ekwivalenti ta' CO₂" tfisser kwantità ta' gassijiet b'effett ta' serra, espressa b'ħala l-prodott tal-piż tal-gassijiet b'effett ta' serra f'tunnellati metriċi u tal-potenzjal ta' tisħin globali tagħhom;
8. "operatur" tfisser il-persuna fiżika jew ġuridika li teżerċita setgħa reali fuq il-funzjonament tekniku ta' prodotti u tagħmir koperti minn dan ir-Regolament; Stat Membru jista', f'sitwazzjonijiet definiti u speċifiċi, jinnomina s-sid b'ħala l-persuna responsabbli għall-obbligi tal-operatur;
9. "użu" tfisser l-utilizzazzjoni ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra fil-produzzjoni, fil-manutenzjoni jew fl-għoti ta' service, inkluż il-mili mill-ġdid tal-prodotti u tat-tagħmir, jew fi proċessi oħrajn imsemmijin f'dan ir-Regolament;
10. "tqegħid fis-suq" tfisser il-provvista jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' parti oħra fl-Unjoni għall-ewwel darba, bi ħlaq jew mingħajr ħlaq, jew l-użu għalih innifsu fil-każ ta' produttur, u jinkludi r-rilaxx mid-dwana għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni;
11. "tagħmir issiġillat ermetikament" tfisser tagħmir li l-partijiet kollha tiegħu li jkun fihom gass fluworurat b'effett ta' serra jingħalqu ssikkati b'welding, bi brazing jew b'konnessjoni permanenti simili, li tista' tinkludi valves ikkappjati jew service ports ikkappjati li jippermettu t-tiswija jew rimi xieraq, u li għandhom rata ta' tnixxija ttestjata ta' inqas minn 3 grammi fis-sena taħt pressjoni ta' mill-inqas kwart tal-pressjoni massima permessa;

12. "kontenitur" tfisser prodott destinat prinċipalment għat-trasport jew għall-ħażna ta' gassijiet serra flworinati;
13. "kontenitur li ma jistax jerġa" jimtela' tfisser kontenitur li ma jistax jerġa' jimtela mingħajr ma jiġi adattat għal dak l-iskop jew jitqiegħed fis-suq mingħajr ma jkun tteħdu miżuri sabiex jiġi rritornat biex jerġa' jimtela;
14. "irkupru" tfisser il-ġbir u l-ħażna ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra minn prodotti, inkluż kontenituri, u tagħmir waqt il-manutenzjoni jew l-għoti ta' service jew qabel ir-rimi tal-prodotti jew tat-tagħmir;
15. "riċiklaġġ" tfisser l-użu mill-ġdid ta' gass fluworurat b'effett ta' serra rkuprat wara proċess bażiku ta' tindif;
16. "riġenerazzjoni" tfisser l-ipproċessar mill-ġdid ta' gass fluworurat b'effett ta' serra rkuprat sabiex jilħaq il-prestazzjoni ekwivalenti ta' sustanza verġni, waqt li jitqies l-użu intenzjonat tiegħu;
17. "qerda" tfisser il-proċess ta' trasformazzjoni jew ta' dekompożizzjoni permanenti tal-gass fluworurat b'effett ta' serra kollu jew ta' parti kbira minnu f'sustanza stabbli waħda jew aktar li ma tkunx gass fluworurat b'effett ta' serra;
18. "dekummissjonar" tfisser l-għeluq finali u t-tneħħija mill-operazzjoni jew mill-użu ta' prodott jew biċċa tagħmir li jkun fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra;
19. "tiswija" tfisser ir-restawr ta' prodott li jġarrbu ħsara jew li jnixxu jew tagħmir li ġarrab ħsara jew li jnixxi, li fih, jew li l-funzjonament tiegħu jiddependi minn, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jinvolvu parti li jkun fiha jew li tkun iddiżinjata biex ikun fiha tali gassijiet;
20. "installazzjoni" tfisser it-tgħaqquq ta' biċċejn jew aktar ta' tagħmir jew ċirkwiti li fihom jew li huma maħsuba biex ikun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, bil-ħsieb li tintrama sistema fil-lok fejn tkun ser tiġi operata, li timplika t-twaħħil flimkien ta' konduttur ta' sistema li jgħorru l-gass sabiex jitlesta ċirkwit irrispettivament mill-ħtieġa li s-sistema tiġi ċċarġjata wara l-assemblaġġ;
21. "manutenzjoni jew għoti ta' service" tfisser l-attivitajiet kollha, bl-esklużjoni tal-irkupru skont l-Artikolu 8 u l-verifiki ta' tnixxijiet skont l-Artikolu 4 u l-punt (b) tal-Artikolu 10(1), li jimplikaw indħil fiċ-ċirkwiti li fihom jew li huma maħsuba biex ikun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, b'mod partikolari l-forniment lis-sistema b'gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, it-tneħħija ta' parti jew aktar miċ-ċirkwit jew mit-tagħmir, l-assemblaġġ mill-ġdid ta' żewġ partijiet jew aktar taċ-ċirkwit jew tat-tagħmir, kif ukoll it-tiswija ta' tnixxijiet;
22. "sustanza verġni" tfisser sustanza li ma ntużatx preċedentement;
23. 'stazzjonarju tfisser dak li normalment mhuwiex fi transitu waqt operazzjoni u jinkludi tagħmir mobbli tal-arja kondizzjonata;
24. "mobbli" tfisser li normalment ma jkunx fi transitu waqt li qed jaħdem;
25. "raġħwa b'komponent uniku" tfisser kompożizzjoni ta' raġħwa inkluża f'dispenser tal-aerosol wieħed fi stat likwidu li ma jkunx irreaġixxa jew li jkun irreaġixxa b'mod parzjali u li tespandi u tibbies meta toħroġ mid-dispenser;
26. "trakk refriġerat" tfisser vettura bil-mutur b'massa ta' aktar minn 3,5 tonnelli li hija maħsuba u mibnija primarjament biex iġġorr merkanzija u li hija mġhammra b'unità ta' refriġerazzjoni;
27. "trejler refriġerat" tfisser vettura li hija maħsuba u mibnija sabiex tiġi rmunkata minn trakk jew minn trattur, primarjament biex iġġorr merkanzija u li hija mġhammra b'unità ta' refriġerazzjoni;
28. "aerosol tekniku" tfisser sprej tal-aerosol, użat fil-manutenzjoni, it-tiswija, it-tindif, l-ittestjar, il-qerda tal-insetti u l-manifattura ta' prodotti u tagħmir, fl-installazzjoni ta' tagħmir, u f'applikazzjonijiet oħra;
29. "sistema ta' individwazzjoni ta' tnixxijiet" tfisser apparat mekkaniku, elettriku jew elettroniku kkalibrat għall-individwazzjoni ta' tnixxijiet ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra li, f'każ ta' individwazzjoni, iwissi lill-operatur;
30. "impriża" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li:
 - (a) tipproduċi, tuża, tirkupra, tiġbor, tirriċikla, tirriġenera, jew teqred gassijiet fluworurati b'effett ta' serra;
 - (b) timporta jew tesporta gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew prodotti u tagħmir li jkun fihom dawn il-gassijiet;
 - (c) tqiegħed fis-suq gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew prodotti u tagħmir li jkun fih, jew li l-funzjonament tiegħu jiddependi fuq, dawn il-gassijiet;
 - (d) tinstalla, tagħti service, tagħmel manutenzjoni, issewwi, tivverifika għal tnixxijiet jew tiddekummissjona tagħmir li fih, jew li l-funzjonament tiegħu jiddependi fuq, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra;

- (e) tkun topera tagħmir li fih, jew li l-funzjonament tiegħu jiddependi fuq, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra;
- (f) tipproduċi, timporta, tesporta, tqiegħed fis-suq jew teqred gassijiet elenkati fl-Anness II;
- (g) tqiegħed fis-suq prodotti jew tagħmir li jkun fih gassijiet elenkati fl-Anness II;
31. "feedstock" tfisser kwalunkwe gass fluworurat b'effett ta' serra, jew sustanza elenkata fl-Anness II, li tgħaddi minn trasformazzjoni kimika fi proċess li fih tkun kompletament mibdula mill-kompożizzjoni oriġinali tagħha u li l-emissjonijiet tagħha ma jkunux sinifikanti;
32. "użu kummerċjali" tfisser użat għall-ħażna, il-wiri jew id-distribuzzjoni ta' prodotti, għal bejgħ lill-utenti aħħara, f'bejgħ bl-imnut jew f'servizzi tal-ikel;
33. "tagħmir għall-protezzjoni min-nar" tfisser it-tagħmir u s-sistemi użati f'applikazzjonijiet ta' prevenzjoni jew trażżin ta' nar u tinkludi ċ-ċilindri għat-tifi tan-nar;
34. "ċiklu Rankine organiku" tfisser ċiklu li fih gass fluworurat b'effett ta' serra kondensibbli li jikkonverti s-sħana minn sors ta' sħana f'enerġija għall-ġenerazzjoni elettrika jew mekkanika;
35. "tagħmir militari" tfisser armi, munizzjon u materjal ta' gwerra intenzjonat speċifikament għal finijiet militari li huma meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Istati Membri;
36. "switchgear tal-elettriku" tfisser tagħmir ta' swiċċijiet u l-ikkombinar tagħhom ma' tagħmir assoċjati ta' kontroll, ta' kejl, ta' protezzjoni u ta' regolar, u sistemi ta' strumenti u tagħmir bħal dawn b'interkonnessjonijiet, aċċessorji, kompartimenti u strutturi ta' sostenn assoċjati, maħsuba għall-użu marbut mal-ġenerazzjoni, it-trasmissjoni, id-distribuzzjoni u l-konverżjoni tal-enerġija elettrika.
37. "sistemi ta' refriġerazzjoni ċentralizzati kollettivi" tfisser sistemi b'żewġ kumpressuri jew aktar li jiġu operati b'mod parallel, li huma konnessi ma' kondensur komuni wieħed jew aktar u ma' għadd ta' apparat ta' tkessiħ bħal vetrini għall-wiri, kabinetti, friżi u kmamar imkessħa għall-ħżin;
38. "ċirkwit refriġeranti primarju ta' sistemi kaskati" tfisser iċ-ċirkwit primarju f'sistemi indiretti ta' temperatura medja fejn il-kombinazzjoni ta' żewġ ċirkwiti jew aktar ta' refriġerazzjoni separata tkun konnessa f'serje b'mod li ċ-ċirkwitu primarju assorbi s-sħana tal-kondensur miċ-ċirkwitu sekondarju għat-temperatura medja;
39. "sistemi tal-arja kondizzjonata maqsumin f'żewġ partijiet" tfisser sistemi għall-kondizzjonar tal-arja ta' kamra li jikkonsistu minn unità barra u unità ġewwa konnessi b'pajpijiet refriġeranti, li jeħtieġu installazzjoni fuq il-post tal-użu.

KAPITOLU II

TRAŻŻIN

Artikolu 3

Prevenzjoni ta' emissjonijiet ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra

1. Ir-rilaxx intenzjonali ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra fl-atmosfera jiġi pprojbit fejn ir-rilaxx ma jkunx teknikament meħtieġ għall-użu previst.
2. L-operaturi ta' tagħmir li fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandhom jieħdu prekawzjonijiet sabiex jimpe-dixxu r-rilaxx b'mod li mhux intenzjonat ("tnixxija") ta' dawk il-gassijiet. Huma u għandhom jieħdu l-miżuri kollha li huma teknikament u ekonomikament vijabbli biex jimminimizzaw it-tnixxija ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.
3. Fejn tiġi individwata tnixxija ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, l-operaturi jiżguraw irwieħhom li t-tagħmir jissewwa mingħajr dewmien żejjed.

Fejn it-tagħmir ikun soġġett għal kontrolli għal tnixxijiet l-Artikolu 4(1), u tnixxija fit-tagħmir tkun issewwiet, l-operaturi jiżguraw irwieħhom li t-tagħmir jiġi vverifikat minn persuna fiżika ċċertifikata fi żmien xahar wara t-tiswija sabiex jiġi vverifikat li t-tiswija kienet effettiva.

4. Persuni fiżiċi li jwettqu l-kompiti msemmijin fil-punti (a) sa (c) tal-Artikolu 10(1) għandhom ikunu ċċertifikati f'konformità mal-Artikolu 10(4) u (7) u għandhom jieħdu miżuri ta' prekawzjoni biex tiġi impedita t-tnixxija ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.

L-impriżi li jwettqu l-installazzjoni, is-service, il-manutenzjoni, it-tiswija jew id-dekummissjonar tat-tagħmir elenkat fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 4(2) għandhom ikunu ċċertifikati f'konformità mal-Artikolu 10(6) u (7) u għandhom jieħdu miżuri ta' prekawzjoni biex jipprevjenu t-tnixxija ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.

Artikolu 4

Kontroll għal tnixxijiet

1. Operaturi ta' tagħmir li fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra fi kwantitajiet ekwivalenti għal 5 tunnelli ta' CO₂ jew aktar li mhumiex inklużi f'rawgħa għandhom jiżguraw irwieħhom li t-tagħmir jiġi kkontrollat għal tnixxijiet.

Tagħmir issiġillat ermetikament li fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra fi kwantitajiet ta' inqas mill-ekwivalenti ta' 10 tunnelli ta' CO₂, ma għandux ikun soġġett għal kontrolli ta' tnixxijiet skont dan l-Artikolu, dment li t-tagħmir ikun tikkettat bħala ssiġillat ermetikament.

Switchgear tal-elettriku ma għandux ikun soġġett għal kontrolli ta' tnixxijiet skont dan l-Artikolu sakemm ikun konformi ma' waħda minn dawn il-kundizzjonijiet:

(a) ikollu rata ta' tnixxija ttestjata ta' inqas minn 0,1 % fis-sena kif stabbilit fl-ispeċifikazzjoni teknika tal-manifattur u ttikkettat f'dan is-sens,

(b) ikollu tagħmir li jimmonitorja l-pessjoni jew id-densità; jew

(c) ikun fih inqas minn 6 kg ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra

2. Il-paragrafu 1 japplika għall-operaturi tat-tagħmir li ġej li fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra:

(a) tagħmir ta' refriġerazzjoni stazzjonarju;

(b) tagħmir tal-arja kkondizzjonata stazzjonarju;

(c) pompi tas-šhana stazzjonarji;

(d) tagħmir stazzjonarju ta' protezzjoni kontra n-nar;

(e) unitajiet ta' refriġerazzjoni ta' trakkijiet u trejlers refriġerati;

(f) switchgear tal-elettriku;

(g) ċikli Rankine organiċi.

Rigward l-apparat imsemmi fil-punti (a) sa (e) tal-ewwel subparagrafu, il-kontrolli għandhom jitwettqu minn persuni fiżiċi ċċertifikati skont ir-regoli previsti fl-Artikolu 10.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, sal-31 ta' Diċembru 2016, tagħmir li fih inqas minn 3 kg ta' gassijiet serra fluworurati jew tagħmir ermetikament issiġillat, li huwa ttikkettat f'dan is-sens u fih inqas minn 6 kg ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, ma għandux ikun soġġett għal rekwiżiti għall-kontroll ta' tnixxijiet.

3. Il-kontrolli ta' tnixxijiet skont il-paragrafu 1 għandhom jitwettqu bil-frekwenza li ġejja:

(a) għal tagħmir li fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra fi kwantitajiet ta' 5 tunnelli tal-ekwivalenti tas-CO₂ jew aktar, iżda ta' inqas minn 50 tunnelli tal-ekwivalenti tas-CO₂; mill-inqas kull 12-il xahar; jew fejn sistema ta' individwazzjoni ta' tnixxijiet tkun installata, mill-inqas kull 24 xahar;

(b) għal tagħmir li fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra fi kwantitajiet ta' 50 tunnelli tal-ekwivalenti tas-CO₂ jew aktar, iżda ta' inqas minn 500 tunnelli tal-ekwivalenti tas-CO₂; mill-inqas kull sitt xhur jew, fejn sistema ta' individwazzjoni ta' tnixxijiet tkun installata, mill-inqas kull 12-il xahar;

(c) għal tagħmir li fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra fi kwantitajiet ta' 500 tunnelli tal-ekwivalenti tas-CO₂ jew aktar: mill-inqas kull tliet xhur jew, fejn sistema ta' individwazzjoni ta' tnixxijiet tkun installata, mill-inqas kull sitt xhur.

4. L-obbligi tal-paragrafu 1 għal tagħmir ta' protezzjoni min-nar kif imsemmi fil-punt (d) tal-paragrafu 2 għandhom jiġu kkunsidrati li jkunu ssodisfati l-iskemmi jintlaħqu ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) ir-reġim eżistenti ta' spezzjoni jissodisfa l-istandards ISO 14520 jew EN 15004; u
- (b) it-tagħmir ta' protezzjoni min-nar ikun spezzjonat kull meta jkun meħtieġ skont il-paragrafu 3.

5. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tispjefika rekwiżiti għall-kontrolli ta' tnixxijiet li għandhom jitwettqu f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal kull tip ta' tagħmir imsemmi f'dak il-paragrafu, tidentifika dawk il-partijiet tat-tagħmir li x'aktarx inixxu u tħassar atti adottati skont l-Artikolu 3(7) tar-Regolament (KE) Nru 842/2006. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.

Artikolu 5

Sistemi ta' individwazzjoni ta' tnixxija

1. L-operaturi tat-tagħmir elenkat fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 4(2) u li fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra fi kwantitajiet ta' 500 tunnellata tal-ekwivalenti tas-CO₂ jew aktar, għandhom jiżguraw li t-tagħmir jiġi pprovdut b'sistema ta' individwazzjoni ta' tnixxija li twissi lill-operatur jew kumpannija tal-għoti ta' service bi kwalunkwe tnixxija.
2. L-operaturi tat-tagħmir elenkat fil-punti (f) sa (g) tal-Artikolu 4(2) li fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra fi kwantitajiet ta' 500 tunnellata tal-ekwivalenti tas-CO₂ jew aktar u li jiġi installat mill-1 ta' Jannar 2017, għandhom jiżguraw li dan it-tagħmir jiġi pprovdut b'sistema ta' individwazzjoni ta' tnixxija li twissi lill-operatur jew kumpannija ta' service bi kwalunkwe tnixxija.
3. L-operaturi tat-tagħmir elenkat fil-punti (a) sa (d) u (g) tal-Artikolu 4(2) li jkun soġġett għall-paragrafi 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiżguraw li s-sistemi ta' individwazzjoni ta' tnixxija jiġu vverifikati mill-inqas kull tnax-il xahar biex jiġi żgurat il-funzjonament sew tagħhom.
4. L-operaturi tat-tagħmir elenkat fil-punt (f) tal-Artikolu 4(2) li jkun soġġett għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiżguraw li s-sistemi ta' individwazzjoni ta' tnixxija jiġu vverifikati mill-inqas darba kull 6 snin biex jiġi żgurat il-funzjonament sew tagħhom.

Artikolu 6

Żamma ta' rekords

1. L-operaturi tat-tagħmir li jeħtieġ li jiġi kontrollat għal tnixxija skont l-Artikolu 4(1), jistabbilixxu u jżommu rekords għandhom għal kull biċċa tagħmir bħal dan li jispeċifikaw l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) il-kwantità u t-tip ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra installati;
 - (b) il-kwantitajiet ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra miżjuda waqt l-installazzjoni, il-manutenzjoni jew l-għoti ta' service jew minħabba tnixxija;
 - (c) dwar jekk il-kwantitajiet ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jkunux ġew riċiklati jew riġenerati, inkluż l-isem u l-indirizz tal-faċilità ta' riċiklaġġ jew riġenerazzjoni u, fejn applikabbli, in-numru taċ-ċertifikat;
 - (d) il-kwantità ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra rkuprati;
 - (e) l-identità tal-impriża li installat, iprovdiet service u manutenzjoni u fejn applikabbli sewwiet jew iddekummissjonat it-tagħmir, inkluż, fejn ikun applikabbli, in-numru taċ-ċertifikat tagħha;
 - (f) id-dati u r-riżultati tal-verifiki mwettqa skont l-Artikolu 4(1) sa (3);
 - (g) jekk it-tagħmir ġie ddekummissjonat, il-miżuri meħuda għall-irkupru u għar-rimi tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.
2. Sakemm ir-rekords imsemmijin fil-paragrafu 1 ma jkunux maħżuna f'bażi tad-data stabbilita mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

- (a) l-operaturi msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom iżommu r-rekords imsemmijin f'dak il-paragrafu għal mill-inqas ħames snin;
- (b) impriżi li jwettqu l-attivitajiet imsemmijin fil-punt (e) tal-paragrafu 1 għall-operaturi għandhom iżommu kopji tar-rekords imsemmijin fil-paragrafu 1 għal mill-inqas ħames.

Ir-rekords msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni, fuq talba, tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membr konċernat jew tal-Kummissjoni. Sal-punt li tali rekords ikun fihom informazzjoni ambjentali, id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ jew ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ għandu japplika kif adatt.

3. Għall-fini tal-Artikolu 11(4), l-impriżi li jfornu gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandhom jistabbilixxu rekords ta' informazzjoni rilevanti dwar ix-xerrejja ta' gassijiet fluworurati fluworurati b'effett ta' serra, inkluż id-dettalji li ġejjin:

- (a) in-numri taċ-ċertifikati tax-xerrejja, u
- (b) il-kwantitajiet rispettivi ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra mixtrija.

L-impriżi li jfornu gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandhom jżommu daww ir-rekords tal-inqas għal ħames snin.

L-impriżi li jfornu gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandhom iqiegħdu tali rekords għad-dispożizzjoni, fuq talba, tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru konċernat jew tal-Kummissjoni.

Sal-punt li r-rekords ikun fihom informazzjoni ambjentali, id-Direttiva 2003/4/KE jew ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 għandu japplika kif adatt.

4. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tiddetermina l-format tar-rekords imsemmija fil-paragrafi 1 u 3 ta' dan l-Artikolu u tispeċifika kif dawn għandhom jiġu stabbiliti u jinżammu. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.

Artikolu 7

Emissjonijiet ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra relatati mal-produzzjoni

1. Il-produtturi ta' komposti fluworurati għandhom jieħdu l-prekawżjonijiet neċessarji kollha sabiex jillimitaw sal-aktar punt possibbli l-emissjonijiet ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra matul:

- (a) il-produzzjoni;
- (b) it-trasport; u
- (c) il-ħażna.

Dan l-Artikolu japplika wkoll fejn gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jiġu ġġenerati bħala prodotti sekondarji.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11(1), it-tqegħid fis-suq ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u gassijiet elenkati fl-Anness II għandhom jiġu projbiti sakemm, fejn rilevanti, il-produtturi jew l-importaturi ma jipprovdux evidenza, fiż-żmien ta' tali tqegħid, li t-trifluworometan, prodott bħala prodott sekondarju matul il-proċess ta' manifattura, inkluż matul il-manifattura ta' feedstock għall-produzzjoni tagħhom, inqered jew ġie rkuprat għal użu sussegwenti, f'konformità mal-aħjar tekniki disponibbli.

Dan ir-rekwiżit għandu japplika mill-11 ta' Ġunju 2015.

Artikolu 8

Irkupru

1. L-operaturi ta' tagħmir stazzjonarju jew ta' unitajiet ta' refriġerazzjoni ta' trakkijiet u trejlers refriġerati li fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra li mhumiex inklużi fragħwa, għandhom jiżguraw li l-irkupru ta' daww il-gassijiet jitwettaq minn persuni fiżiċi li għandhom iċ-ċertifikati rilevanti previsti mill-Artikolu 10, sabiex dawn il-gassijiet jiġu riċiklati, riġenerati jew meqruda.

Dan l-obbligu japplika għall-operaturi ta' kwalunkwe wieħed mit-tagħmir li ġej:

- (a) iċ-ċirkwiti ta' tkessiħ ta' tagħmir stazzjonarju ta' refriġerazzjoni, ta' kondizzjonament tal-arja u ta' pompi tas-šhana;
- (b) iċ-ċirkwiti ta' tkessiħ ta' unitajiet ta' refriġerazzjoni fuq trakkijiet u trejlers refriġerati;

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

⁽²⁾ Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13).

- (c) tagħmir stazzjonarju li fih solventi b'bażi ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra;
- (d) tagħmir stazzjonarju ta' protezzjoni min-nar;
- (e) switchgear stazzjonarju tal-elettriku.

2. L-impriża li tuża kontenitur ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra immedjatament qabel ir-rimi tiegħu għandha taqta' l-arranġament għall-irkupru ta' kwalunkwe gassijiet residwi biex jiġi żgurat li jiġu riċiklati, riġenerati jew meqruda.

3. L-operaturi ta' prodotti u tagħmir li mhumiex elenkati fil-paragrafu 1, inkluż tagħmir mobbli, li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandhom jagħmlu arranġamenti għall-irkupru tal-gassijiet, safejn ikun teknikament vijabbli u ma jkunx jinvolvi spejjeż sproporzjonati, minn persuni fiżiċi kwalifikati kif adatt, sabiex jiġu riċiklati, riġenerati jew meqruda jew għandhom jagħmlu arranġamenti għall-qerda ta' tagħmir mingħajr irkupru minn qabel.

L-irkupru ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra minn tagħmir tal-ajra kondizzjonata f'vetturi tat-triq li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾ għandu jitwettaq minn persuni fiżiċi kwalifikati kif adatt.

Għall-irkupru ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra minn tagħmir ta' arja kondizzjonata f'vetturi bil-mutur li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/40/KE persuni fiżiċi biss li jkollhom tal-inqas attestazzjoni ta' taħriġ skont l-Artikolu 10(2) għandhom jipprova kwalifikati kif xieraq.

Artikolu 9

Skemi ta' responsabbiltà tal-produtturi

Mingħajr preġudizzju għal leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom iħeġġu l-iżvilupp ta' skemi ta' responsabbiltà tal-produtturi għall-irkupru ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u r-riċiklaġġ, ir-riġenerazzjoni jew il-qerda ta' tagħmir.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet meħudin taħt l-ewwel paragrafu.

Artikolu 10

Taħriġ u ċertifikazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom, abbażi tar-rekwiżiti minimi msemmija fil-paragrafu 5, jistabbilixxu jew jadattaw programmi ta' ċertifikazzjoni, li jinkludu proċessi ta' evalwazzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm disponibbli taħriġ għal persuni fiżiċi li jwettqu l-kompiti li ġejjin:

- (a) l-installazzjoni, l-għoti ta' service, il-manutenzjoni, it-tiswija jew id-dekummissjonar tat-tagħmir elenkat fil-punti (a) sa (f) tal-Artikolu 4(2);
- (b) il-kontroll tat-tagħmir imsemmi fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 4(2) u kif previst fl-Artikolu 4(1), kif previst fl-Artikolu 4(1);
- (c) l-irkupru ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra kif previst fl-Artikolu 8(1).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu disponibbli programmi ta' taħriġ għal persuni fiżiċi li jirkupraw gassijiet fluworurati b'effett ta' serra minn tagħmir ta' arja kondizzjonata f'vetturi bil-mutur li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/40/KE, abbażi tar-rekwiżiti minimi msemmija fil-paragrafu 5.

3. Il-programmi ta' ċertifikazzjoni u t-taħriġ previsti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikopru dan li ġej:

- (a) ir-regolamenti u l-istandards tekniċi applikabbli;
- (b) il-prevenzjoni ta' emissjonijiet;
- (c) l-irkupru ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra;
- (d) l-immaniġġar sikur ta' tagħmir tat-tip u tad-daqs koperti miċ-ċertifikat;

⁽¹⁾ Direttiva 2006/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar emissjonijiet minn sistemi ta' kondizzjonament tal-arja f'vetturi bil-mutur li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE (ĠU L 161, 14.6.2006, p. 12).

(e) l-informazzjoni dwar it-teknoloġiji rilevanti għas-sostituzzjoni jew għat-tnaqqis tal-użu tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u għall-immaniġġar sikur tagħhom.

4. Iċ-ċertifikati taħt il-programmi ta' ċertifikazzjoni previsti fil-paragrafu 1 għandhom ikunu suġġetti għall-kondizzjoni li l-applikant ikun temm b'suċċess proċess ta' evalwazzjoni stabbilit skont il-paragrafi 1, 3 u 5.

5. Ir-rekwiżiti minimi għall-programmi ta' ċertifikazzjoni huma dawk stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 303/2008 sa (KE) Nru 306/2008 u skont il-paragrafu 12. Ir-rekwiżiti minimi għal attestazzjonijiet ta' taħriġ huma dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 307/2008 u skont il-paragrafu 12. Dawk ir-rekwiżiti minimi għandhom jispeċifikaw, għal kull tip ta' tagħmir imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, il-ħiliet prattiċi u l-għarfien teoretiku meħtieġa, fejn adatt, filwaqt li ssir distinzjoni bejn l-attivitajiet differenti li għandhom jiġu koperti, kif ukoll il-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku ta' ċertifikati u attestazzjonijiet ta' taħriġ.

6. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jadattaw programmi ta' ċertifikazzjoni abbażi tar-rekwiżiti minimi msemmija fil-paragrafu 5 għall-impriża li jwettqu l-installazzjoni, l-għoti ta' service, il-manutenzjoni, it-tiswija jew id-dekummissjonar tat-tagħmir elenkat fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 4(2) għal partijiet oħra.

7. Iċ-ċertifikati u l-attestazzjonijiet ta' taħriġ eżistenti maħruġin skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 għandhom jibqgħu validi skont il-kondizzjonijiet li taħtom ikunu nħarġu oriġinarjament.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni fiżiċi kollha li jkollhom ċertifikati taħt il-programmi ta' ċertifikazzjoni previsti fil-paragrafi 1 u 7 jkollhom aċċess għal informazzjoni fir-rigward ta' kull wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) it-teknoloġiji msemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 3,, u

(b) ir-rekwiżiti regulatorji eżistenti għal xogħol b'tagħmir li fih refriġeranti alternattivi għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' taħriġ għall-persuni fiżiċi li jixtiequ jaġġornaw l-għarfien tagħhom fir-rigward tal- kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3.

10. Sal-1 ta' Jannar 2017, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-programmi ta' ċertifikazzjoni u ta' taħriġ.

L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu ċ-ċertifikati u l-attestazzjonijiet ta' taħriġ maħruġin fi Stat Membru ieħor f'konformità ma' dan l-Artikolu. Huma ma għandhomx jirrestrinġu l-libertà li jiġu pprovduti servizzi jew il-libertà ta' stabbiliment għalix ċertifikat ikun inħareġ fi Stat Membru ieħor.

11. Kwalunkwe impriża li tassenja komputu msemmi fil-paragrafu 1 lil impriża oħra għandha tieħu passi raġonevoli biex tiżgura li dik tal-aħħar ikollha ċ-ċertifikati neċessarji għall-kompiti meħtieġa skont dan l-Artikolu.

12. Fil-każ li, għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, jidher li jkun neċessarju li jiġi previst approċċ aktar armonizzat għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadatta u taġġorna r-rekwiżiti minimi fir-rigward tal-ħiliet u l-għarfien li għandhom jiġu koperti, tispeċifika l-modalitajiet ta' ċertifikazzjoni jew tal-attestazzjoni u l-kondizzjonijiet għal rikonoxximent reċiproku u tħassar atti adottati skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 842/2006. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24. Meta teżerċita s-setgħa mogħtija lilha b'dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tqis l-iskemi eżistenti rilevanti ta' kwalifika jew ta' ċertifikazzjoni.

13. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddetermina l-format tan-notifika msemmija fil-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu u tista' tħassar atti adottati skont l-Artikolu 5(5) tar-Regolament (KE) Nru 842/2006. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.

14. Fejn l-obbligi taħt dan l-Artikolu relatati mal-provvediment ta' ċertifikazzjoni u taħriġ jimponu piżijiet sproporzjonati fuq Stat Membru minħabba d-daqs żgħir tal-popolazzjoni tiegħu u n-nuqqas konsegwenti ta' domanda għal tali taħriġ u ċertifikazzjoni, il-konformità tista' tinkiseb permezz tar-rikonoxximent ta' ċertifikati maħruġin fi Stati Membri oħrajn.

L-Istati Membri li japplikaw dan il-paragrafu għandhom jinformaw lill-Kummissjoni li għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn.

15. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jipprevjeni lill-Istati Membri milli jstabbilixxu aktar programmi ta' ċertifikazzjoni u ta' taħriġ fir-rigward ta' tagħmir ieħor minbarra dak imsemmi fil-paragrafu 1.

KAPITOLU III

TQEGĦID FIS-SUQ U KONTROLL TAL-UŻU

Artikolu 11

Restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq

1. It-tqegħid fis-suq tal-prodotti u t-tagħmir elenkati fl-Anness III, b'eżenzjoni għal tagħmir militari, għandu jkun projbit mid-data speċifikata f'dak l-Anness, filwaqt li ssir distinzjoni, fejn ikun applikabbli, skont it-tip jew il-potenzjal ta' tisħin globali tal-gass fluworurat b'effett ta' serra li jkun hemm fihom.

2. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal tagħmir li għalih ġie stabbilit fir-rekwiżiti ta' ekodisinn adottati skont id-Direttiva 2009/125/KE li minħabba effiċjenza akbar fl-użu tal-enerġija waqt li jkun qed jitħaddem, l-emissjonijiet ekwivalenti għas-CO₂ matul iċ-ċiklu tal-ħajja jkunu inqas minn dawk ta' tagħmir ekwivalenti li jissodisfa r-rekwiżiti ta' ekodisinn rilevanti u ma jkunx fih idrofluworokarburi.

3. B'segwitu għal talba ssostanzjata minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru u b'kont meħud tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista', eċċezzjonalment, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tawtorizza eżenzjoni għal mhux aktar minn erba' snin biex ikun permess it-tqegħid fis-suq ta' prodotti u tagħmir elenkati fl-Anness III li fihom, jew li funzjoni tagħhom tiddependi minn, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, fejn jintwera li:

(a) għal prodott speċifiku jew biċċa tagħmir, jew għal kateorija speċifika ta' prodotti jew tagħmir, ma jkunux disponibbli alternattivi, jew dawn ma jstgħux jintużaw għal raġunijiet tekniċi jew ta' sikurezza; jew

(b) l-użu ta' alternattivi teknikament vijabbli u siguri jinvolvi spejjeż sproorzjonati.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.

4. Għall-finijiet li jitwettq-l-installazzjoni, is-service, il-manutenzjoni jew it-tiswija tat-tagħmir li jkun fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew li l-funzjonament tiegħu jiddependi minn dawk il-gassijiet li għalihom hemm l-obbligu ta' ċertifikazzjoni jew attestazzjoni taħt l-Artikolu 10, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandhom jinbiegħu u jinxtraw biss minn impriżi li jkollhom iċ-ċertifikati jew attestazzjonijiet rilevanti skont l-Artikolu 10 jew impriżi li jimpjegaw persuni li għandhom ċertifikat jew attestazzjoni ta' taħriġ skont l-Artikolu 10(2) u (5). Dan il-paragrafu ma għandux jipprevjeni lil impriżi mhux ċertifikati, li ma jwettqux l-attivitajiet imsemmija fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu, milli jwettqu għir, trasport jew kunsinna ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.

5. Tagħmir mhux ermetikament issiġillat iċċarġjat b'gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandu jinbiegħ biss lill-utent aħħari meta tingħata prova li l-installazzjoni għandha titwettaq minn impriża ċertifikata skont l-Artikolu 10.

6. Il-Kummissjoni għandha tiġbor, abbażi ta' data disponibbli mill-Istati Membri, informazzjoni dwar il-kodiċi, l-istandards jew il-leġislazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri fir-rigward ta' teknoloġiji ta' sostituzzjoni li jużaw refriġeranti alternattivi għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serrafrir-refriġerazzjoni, fit-tagħmir tal-ikkondizzjonar tal-arja u tal-pompi tas-sħana u fir-rawgħa.

Il-Kummissjoni għandha tippubblica rapport ta' sintesi dwar l-informazzjoni miġbura taħt l-ewwel subparagrafu sal-1 ta' Jannar 2017.

Article 12

Tikkettar u informazzjoni dwar prodott u tagħmir

1. Il-prodotti u t-tagħmir li fihom, jew li l-funzjonament tagħhom jiddipendi minn, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq sakemm ma jkunux ittikkettati. Dan japplika biss għal:

(a) tagħmir ta' refriġerazzjoni;

(b) tagħmir tal-arja kkondizzjonata;

- (c) pompi tas-sħana;
- (d) tagħmir ta' protezzjoni min-nar;
- (e) switchgear tal-elettriku;
- (f) dispenser tal-aerosols li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, bl-eċċezzjoni ta' inalaturi b'doża mkejla għall-għoti ta' ingredjenti farmaċewtiċi;
- (g) il-kontenituri kollha tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra;
- (h) solventi b'bażi ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra;
- (i) ċikli Rankine organiċi.

2. Prodotti jew tagħmir soġġetti għal eżenzjoni taħt l-Artikolu 11(3) ħandhom ikunu ttikkettati kif adatt u għandhom jinkludu referenza li daww il-prodotti jew tagħmir jistgħu jintużaw biss għall-fini li għalih tkun ingħatat eżenzjoni taħt dak l-Artikolu.

3. It-tikketta meħtieġa skont il-paragrafu 1 għandha tindika l-informazzjoni li ġejja:

- (a) referenza li l-prodott jew it-tagħmir fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew li l-funzjonament tiegħu jiddipendi minn gassijiet bħal dawn;
- (b) id-denominazzjoni industrijali aċċettata għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra kkonċernati jew, jekk ma tkun disponibbli l-ebda denominazzjoni bħal din, l-isem kimiku;
- (c) mill-1 ta' Jannar 2017, il-kwantità espressa fil-piż u fl-ekwivalenti tas-CO₂ ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra li jinsabu fil-prodott jew it-tagħmir, jew il-kwantità ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra li għaliha t-tagħmir huwa ddisinjat, u l-potenzjal ta' tisħin globali ta' daww il-gassijiet.

It-tikketta meħtieġa skont il-paragrafu 1 għandha tindika l-informazzjoni li ġejja, fejn applikabbli:

- (a) referenza li l-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jkunu jinsabu f'tagħmir ermetikament issiġillat;
- (b) referenza li l-iswitchgear elettriku jkollu rata ta' tnixxija ttestjata ta' inqas minn 0,1 % fis-sena kif stabbilit fl-ispeċifikazzjoni teknika tal-manifattur.

4. It-tikketta għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma titħassarx u għandha titqiegħed:

- (a) ħdejn il-punti ta' servizz għall-iċċarġjar jew l-irkupru tal-gass fluworurat b'effett ta' serra; jew
- (b) fuq dik il-parti tal-prodott jew tagħmir li fiha l-gass fluworurat b'effett ta' serra.

It-tikketta għandha tkun bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li fih ikun ser jitqiegħed fis-suq.

5. Rawgħa u polioli mħalltin minn qabel li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq sakemm il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra ma jkunux identifikati permezz ta' tikketta li tuża d-denominazzjoni industrijali aċċettata, jew jekk ma tkun disponibbli l-ebda denominazzjoni bħal din, l-isem kimiku. It-tikketta għandha tindika b'mod ċar li r-ragħwa jew il-poliolu mħallat minn qabel fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.

Fil-każ tat-twavel tar-rawgħa ("foam boards"), din l-informazzjoni għandha tiġi ddkjarata b'mod ċar u li ma jistax jitħassar fuq it-twavel.

6. Gassijiet fluworurati b'effett ta' serra riġenerati jew reċiklati għandhom ikunu ttikkettati b'indikazzjoni li s-sustanza ġiet riġenerata jew reċiklata u informazzjoni dwar in-numru tal-lott u l-isem u l-indirizz tal-faċilità ta' riġenerazzjoni jew reċiklaġġ.

7. Gassijiet fluworurati b'effett ta' serra mqiegħda fis-suq għall-qerda għandhom ikunu ttikkettati b'indikazzjoni li l-kontenut tal-kontenitur jista' biss jinqered.

8. Gassijiet fluworurati b'effett ta' serra mqiegħda fis-suq għall-esportazzjoni diretta għandhom ikunu ttikkettati b'indikazzjoni li l-kontenut tal-kontenitur jista' biss jiġi esportat direttament.

9. Gassijiet fluworurati b'effett ta' serra mqiegħda fis-suq għall-użu f'tagħmir militari għandhom ikunu ttikkettati b'indikazzjoni li l-kontenut tal-kontenitur jista' jintuża biss għal dak il-fini.

10. Gassijiet fluworurati b'effett ta' serra mqiegħda fis-suq għall-inċiżjoni ta' materjal semikonduttur jew it-tindif ta' kmamar ta' depożizzjonita' f'war tal-kimiċi fis-settur tal-manifattura tas-semikondutturi għandhom ikunu ttikkettati b'indikazzjoni li l-kontenut tal-kontenitur jista' jintuża biss għal dan il-fini.

11. Gassijiet fluworurati b'effett ta' serra mqiegħda fis-suq għall-użu bħala feedstock għandhom ikunu ttikkettati b'indikazzjoni li l-kontenut tal-kontenitur jista' biss jintuża bħala feedstock.

12. Gassijiet fluworurati b'effett ta' serra mqiegħda fis-suq għall-produzzjoni ta' inalaturi b'doża imkejla għall-għoti ta' ingredjenti farmaċewtiċi għandhom ikunu ttikkettati b'indikazzjoni li l-kontenut tal-kontenitur jista' jintuża biss għal dik il-fini.

13. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 3 u 5 tiġi inkluża f'manwali ta' struzzjonijiet għall-prodotti u tagħmir kkonċernati.

Fil-każ ta' prodotti u ta' tagħmir li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'potenzjal ta' tisħin globali ta' 150 jew aktar, din l-informazzjoni tiġi inkluża wkoll fid-deskrizzjonijiet użati għar-reklamar.

14. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddetermina l-format tan-notifika msemmija fil-paragrafi 1 u l-paragrafi 4 sa 12 u tista' tħassar atti adottati skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 842/2006. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.

15. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 22 li jemendaw ir-rekwiżiti tat-tikkettar stabbiliti fil-paragrafi 4 sa 12 fejn adatt fid-dawl ta' żvilupp kummerċjali jew teknoloġiku.

Artikolu 13

Kontroll tal-użu

1. L-użu tal-eżafluworur tal-kubrit fil-pessofunditura tal-manjeżju u fir-riċiklaġġ tal-liġi tal-pessofunditura tal-manjeżju għandu jkun ipprojbit.

Fir-rigward tal-installazzjonijiet li jużaw kwantità tal-eżafluworur tal-kubrit inqas minn 850 kg kull sena, fir-rigward tal-pessofunditura tal-manjeżju u fir-riċiklaġġ tal-liġi tal-pessofunditura tal-manjeżju, din il-projbizzjoni għandha tapplika biss mill-1 ta' Jannar 2018.

2. L-użu tal-eżafluworur tal-kubrit sabiex jimtlew it-tajers tal-vetturi għandu jkun ipprojbit.

3. Mill-1 ta' Jannar 2020, l-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, b'potenzjal ta' tisħin globali ta' 2 500 jew aktar, għall-għoti ta' service jew manutenzjoni ta' tagħmir ta' refriġerazzjoni b'daqs ta' ċarġ ta' 40 tunnellata tal-ekwivalenti tas-CO₂ jew aktar, għandu jkun projbit.

Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal tagħmir militari jew tagħmir intenzjonat għal applikazzjonijiet iddisinjati biex ikessħu l-prodotti għal temperaturi taħt – 50 °C.

Il-projbizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhiex tapplika għall-kategoriji ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra li ġejjin:

- gassijiet fluworurati b'effett ta' serra riġenerati b'potenzjal ta' tisħin globali ta' 2 500 jew aktar użati għall-għoti ta' service jew manutenzjoni ta' tagħmir ta' refriġerazzjoni eżistenti, sakemm dawn ikunu ttikkettati skont l-Artikolu 12(6);
- gassijiet fluworurati b'effett ta' serra riċiklati b'potenzjal ta' tisħin globali ta' 2 500 jew aktar użati għall-għoti ta' service jew il-manutenzjoni ta' tagħmir ta' refriġerazzjoni eżistenti, sakemm dawn ikunu ġew irkuprati minn tali tagħmir. Dawn il-gassijiet riċiklati jistgħu jintużaw biss mill-impriża li tkun wettqet l-irkupru tagħhom bħala parti mill-għoti ta' service jew il-manutenzjoni jew mill-impriża li għaliha jkun twettaq l-irkupru bħala parti mill-għoti ta' service jew il-manutenzjoni.

Il-projbizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhiex tapplika għal tagħmir ta' refriġerazzjoni li għalih tkun ġiet awtorizzata eżenzjoni skont l-Artikolu 11(3).

*Artikolu 14***Iċċarġjar minn qabel tat-tagħmir bl-idrofluworokarburi**

1. Mill-1 ta' Jannar 2017, tagħmir tar-refriġerazzjoni, tal-arja kondizzjonata u tal-pompi tas-sħana ċċarġjat bl-idrofluworokarburi ma għandux jitqiegħed fis-suq ħlief jekk l-idrofluworokarburi ċċarġjati fit-tagħmir jitqiesu fis-sistema tal-kwota msemmija fil-Kapitolu IV.

2. Meta jqiegħdu tagħmir iċċarġjat minn qabel kif imsemmi fil-paragrafu 1 fis-suq, il-manifatturi u l-importaturi tat-tagħmir għandhom jiżguraw li l-konformità mal-paragrafu 1 tkun iddokumentata bis-sħiħ u għandhom jifformolaw dikjarazzjoni ta' konformità f'dan ir-rigward.

Mill-1 ta' Jannar 2018, fejn l-idrofluworokarburi li jinsabu fit-tagħmir ma jkunux tqiegħdu fis-suq qabel l-iċċarġjar tat-tagħmir, l-importaturi ta' dak it-tagħmir għandhom jiżguraw li sal-31 ta' Marzu ta' kull sena l-eżattezza tad-dokumentazzjoni u tad-dikjarazzjoni tal-konformità tiġi vverifikata, għas-sena kalendarja preċedenti, minn awditur indipendenti. L-awditur għandu jkun:

(a) akkreditat skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾; jew

(b) akkreditat biex jivverifika rendikontijiet finanzjarji skont il-leġislazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

Il-manifatturi u l-importaturi tat-tagħmir imsemmi fil-paragrafu għandhom iżommu d-dokumentazzjoni u d-dikjarazzjoni ta' konformità għal perijodu ta' mill-inqas ħames snin wara t-tqiegħid fis-suq ta' dak it-tagħmir. L-importaturi tat-tagħmir li jqiegħdu fis-suq tagħmir iċċarġjat minn qabel fejn l-idrofluworokarburi li jinsabu f'dak tagħmir ma jkunux tpoġġew fis-suq Unjoni qabel l-iċċarġjar tat-tagħmir għandhom jiżguraw li jkunu reġistrati skont il-punt (e) tal-Artikolu 17 (1).

3. Bil-formulazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' konformità, il-manifatturi u l-importaturi tat-tagħmir imsemmi fil-paragrafu 1 jassumu r-responsabbiltà għall-konformità mal-paragrafi 1 u 2.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddetermina l-arranġamenti dettaljati relatati mad-dikjarazzjoni ta' konformità u l-verifika mill-awditur indipendenti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.

KAPITOLU IV

TNAQQIS TAL-KWANTITÀ TA' IDROFLUWOROKARBURI LI TITQIEGĦED FIS-SUQ*Artikolu 15***Tnaqqis tal-kwantità ta' idrofluworokarburi li titqiegħed fis-suq**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kwantità ta' idrofluworokarburi li l-produtturi u l-importaturi huma intitolati li jqiegħdu fis-suq fl-Unjoni kull sena ma taqbiżx il-kwantità massima għas-sena kkonċernata kkalkolata skont l-Anness V.

Il-produtturi u l-importaturi għandhom jiżguraw li l-kwantità ta' idrofluworokarburi kkalkolata skont l-Anness V li kull wieħed minnhom iqiegħed fis-suq ma taqbiżx il-kwoti rispettivi tagħhom allokat skont l-Artikolu 16(5) jew trasferiti skont l-Artikolu 18.

2. Dan ma għandux japplika għall-produtturi jew l-importaturi ta' inqas minn 100 tonnellata tal-ekwivalenti tas-CO₂ ta' idrofluworokarburi fis-sena.

Dan l-Artikolu ma għandux japplika wkoll għall-kategoriji ta' idrofluworokarburi li ġejjin:

(a) idrofluworokarburi importati fl-Unjoni għall-qerda;

(b) idrofluworokarburi użati minn produttur f'applikazzjonijiet ta' feedstock jew fornuti direttament minn produttur jew importatur lil impriżi għall-użu f'applikazzjonijiet ta' feedstock;

(c) idrofluworokarburi fornuti direttament minn produttur jew importatur lil impriżi, għall-esportazzjoni barra l-Unjoni, fejn daww l-idrofluworokarburi ma jkunux sussegwentement magħmulin disponibbli għal kwalunkwe parti oħra fl-Unjoni, qabel l-esportazzjoni;

⁽¹⁾ Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

- (d) idrofluworokarburi fornudirettament minn produttur jew importatur għall-użu ftagħmir militari;
- (e) idrofluworokarburi fornudirettament minn produttur jew importatur lil impriża li tużahom għall-inċiżjoni ta' materjal semikonduttur jew it-tindif ta' kmamar ta' depożizzjoni ta' fwar kimiċi fis-settur tal-manifattura tas-semikondutturi;
- (f) mill-1 ta' Jannar 2018 'il quddiem, idrofluworokarburi furnuti direttament minn produttur jew importatur lil impriża li tipproduċi inalaturi b'doża imkejla għall-għoti ta' ingredjenti farmaċewtiċi.

3. Dan l-Artikolu u l-Artikoli 16, 18, 19 u 25 għandhom japplikaw ukoll għall-idrofluworokarburi li jinsabu l-polioli mħalltin minn qabel.

4. B'segwitu ta' talba ssostanzjata minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru u b'kont meħud tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista', eċċezzjonalment, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tawtorizza eżenzjoni limitat għal mhux aktar minn erba' snin biex ikunu esklużi mir-ekwiżit tal-kwota stabbilit fil-paragrafu 1 l-idrofluworokarburi għall-użu f'applikazzjonijiet speċifiċi, jew kategoriji speċifiċi ta' prodotti jew tagħmir, fejn jintwera li:

- (a) għal dawk l-applikazzjonijiet, prodotti jew tagħmir partikolari, ma jkunux disponibbli alternattivi, jew ma jistgħux jintużaw għal raġunijiet tekniċi jew ta' sikurezza; u
- (b) ma tkunx tista' tiġi żgurata provvista suffiċjenti ta' idrofluworokarburi mingħajr ma jkunu involuti spejjeż sproporzjonati.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.

Artikolu 16

Allokazzjoni ta' kwoti għat-tqegħid ta' idrofluworokarburi fis-suq

1. Sal-31 ta' Ottubru 2014 il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddetermina għal kull produttur jew importatur, li jkun irrapporta data skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 842/2006, valur ta' referenza bbażat fuq il-medja annwali tal-kwantitajiet ta' idrofluworokarburi li l-produttur jew l-importatur ikun irrapporta li qiegħed fis-suq mill-2009 sal-2012. Il-valuri ta' referenza jiġu kkalkolati skont l-Anness V għal dan ir-Regolament.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.

2. Produtturi u importaturi li ma rrapportawx tqegħid fis-suq ta' idrofluworokarburi skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 842/2006 għall-perijodu ta' referenza msemmi fil-paragrafu 1 jistgħu jiddikjaraw il-ħsieb tagħhom li jqiegħdu fis-suq idrofluworokarburi fis-sena ta' wara.

Id-dikjarazzjoni għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni, u tispeċifika t-tipi ta' idrofluworokarburi u l-kwantitajiet li huma mistennija li jitqiegħdu fis-suq.

Il-Kummissjoni għandha toħroġ avviż tal-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' dawk id-dikjarazzjonijiet. Qabel ma jippreżentaw dikjarazzjoni skont il-paragrafi 2 u 4 ta' dan l-Artikolu, l-impriżi għandhom jirreġistraw irwieħhom fir-reġistru previst fl-Artikolu 17.

3. Sal-31 ta' Ottubru 2017 u kull tliet snin wara, il-Kummissjoni għandha tikkalkola mill-ġdid il-valuri ta' referenza għall-produtturi u l-importaturi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu fuq il-bażi tal-medja annwali tal-kwantitajiet ta' idrofluworokarburi li jkunu tqiegħdu fis-suq legalment mill-1 ta' Jannar 2015 kif irrappurtat skont l-Artikolu 19 għas-snin disponibbli. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina dawk il-valuri ta' referenza permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.

4. Il-produtturi u l-importaturi li għalihom ikunu ġew iddeterminati l-valuri ta' referenza jistgħu jiddikjaraw kwantitajiet antiċipati addizzjonali billi jsewgu l-proċedura stabbilita fil-paragrafu 2.

5. Il-Kummissjoni għandha talloka kwoti għat-tqegħid tal-idrofluworokarburi fis-suq għal kull produttur u importatur għal kull sena mis-sena 2015 'il quddiem, billi tapplika l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni stabbilit fl-Anness VI.

Il-kwoti għandhom jiġu allokati biss lil produtturi jew importaturi li huma stabbiliti fl-Unjoni, jew li jaħtru rappreżentanti uniku stabbilit fl-Unjoni għall-iskop ta' konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant uniku jista' jkun l-istess bħal dak maħtur skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.

Ir-rappreżentant uniku għandu jħares l-obbligi kollha tal-produtturi u l-importaturi skont dan ir-Regolament.

Artikolu 17

Reġistru

1. Sal-1 ta' Jannar 2015, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u tiżgura t-tħaddim ta' reġistru elettroniku għall-kwoti għat-tqegħid fis-suq tal-idrofluworokarburi ("ir-reġistru").

Ir-reġistrazzjoni fir-reġistru għandha tkun obbligatorja għal dawn li ġejjin:

- (a) il-produtturi u l-importaturi li lilhom tkun ġiet allokata kwota għat-tqegħid fis-suq tal-idrofluworokarburi skont l-Artikolu 16(5);
- (b) l-impriżi lihom tkun ġiet ittrasferita kwotaskont l-Artikolu 18;
- (c) il-produtturi u l-importaturi li jiddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jressqu dikjarazzjoni skont l-Artikolu 16(2);
- (d) il-produtturi u l-importaturi li jfornu, jew impriżi li jirċievu idrofluworokarburi għall-finijiet elenkati fil-punti (a) sa (g) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(2);
- (e) l-importaturi ta' tagħmir li jqiegħdu tagħmir iċċarġjat minn qabel fis-suq fejn l-idrofluworokarburi li jinsabu fit-tagħmir ma jkunux tqiegħdu fis-suq qabel ma jkun ġie ċċarġjat dak it-tagħmir skont l-Artikolu 14.

Ir-reġistrazzjoni jibda jkollha effett permezz ta' applikazzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-proċeduri li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni tista', sa fejn ikun neċessarju, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiżgura l-funzjonament bla xkiel tar-reġistru. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-produtturi u l-importaturi rreġistrati jkunu mgħarrfa permezz tar-reġistru dwar il-kwota allokata u dwar kwalunkwe bidla li ssirlu matul il-perijodu ta' allokazzjoni.

4. L-awtoritajiet kompetenti, fosthom l-awtoritajiet tad-dwana, tal-Istati Membri għandu jkollhom aċċess għar-reġistru, għal raġunijiet ta' informazzjoni.

Artikolu 18

Trasferiment tal-kwoti u l-awtorizzazzjoni li jintużaw kwoti għat-tqegħid fis-suq ta' idrofluworokarburi f'tagħmir importat

1. Kull produttur jew importatur li għalih ikun ġie ddeterminat valur ta' referenza skont l-Artikolu 16(1) jew (3) u li jkun ġie allokata kwota skont l-Artikolu 16(5), jista' jittrasferixxi fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 17(1) dik il-kwota għall-kwantitajiet kollha jew kwalunkwe kwantità lil produttur jew importatur ieħor fl-Unjoni jew lil produttur jew importatur ieħor li huwa rappreżentat fl-Unjoni minn rappreżentant uniku msemmi fit-tieni u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 16(5).

2. Kull produttur jew importatur li jkun irċieva l-kwota tiegħu skont l-Artikolu 16(1) u (3) jew li tkun ġiet ittrasferita lil kwota skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jista' jawtorizza lil impriża oħra biex tuża l-kwota tagħha għall-għan tal-Artikolu 14.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

Kull produttur jew importatur li jkun irċieva l-kwota tiegħu esklużivament fuq il-bażi ta' dikjarazzjoni skont l-Artikolu 16(2), jista' jawtorizza lil impriża oħra biex tuża l-kwota tagħha għall-għan tal-Artikolu 14 dejjem jekk il-kwantitajiet korrispondenti ta' idrofluworokarburi jiġu fornuti fiżikament mill-produttur jew l-importatur awtorizzanti.

Għall-għanijiet tal-Artikoli 15, 16 u 19(1) u (6) il-kwantitajiet rispettivi ta' idrofluworokarburi għandhom jitqiesu li jkunu tqiegħdu fis-suq mill-produttur jew importatur awtorizzanti fil-mument tal-awtorizzazzjoni. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-produttur jew importatur awtorizzanti jagħti evidenza li huwa attiv fil-forniment ta' idrofluworokarburi.

KAPITOLU V

RAPPORTAR

Artikolu 19

Rapportar dwar il-produzzjoni, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, l-użu bħala feedstock u l-qerda tas-sustanzi elenkati fl-Anness I jew II

1. Sal-31 ta' Marzu 2015 u kull sena wara, kull produttur, importatur u esportatur li pproduċa, importa jew esporta tunnellata metrika jew 100 tunnellata tal-ekwivalenti għal CO₂ jew aktar ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u ta' gassijiet elenkati fl-Anness II matul is-sena kalendarja preċedenti, għandu jirrapporta lill-Kummissjoni d-data speċifikata fl-Anness VII dwar kull waħda minn dawk is-sustanzi għal dik is-sena kalendarja. Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll għal impriżi li jirċievu kwoti skont l-Artikolu 18(1).

2. Sal-31 ta' Marzu 2015 u kull sena wara, kull impriża li qerdet tunnellata metrika jew 1 000 tunnellata ta' ekwivalenti għal CO₂ jew aktar ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u ta' gassijiet elenkati fl-Anness II waqt is-sena kalendarja preċedenti tirrapporta lill-Kummissjoni d-data speċifikata fl-Anness VII dwar kull waħda minn dawk is-sustanzi għal dik is-sena kalendarja.

3. Sal-31 ta' Marzu 2015 u kull sena wara dan, kull impriża li użat 1 000 tunnellata ta' ekwivalenti għal CO₂ jew aktar ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra bħala feedstock matul is-sena kalendarja preċedenti għandha tirrapporta lill-Kummissjoni d-data speċifikata fl-Anness VII dwar kull waħda minn dawk is-sustanzi għal dik is-sena kalendarja.

4. Sal-31 ta' Marzu 2015 u kull sena wara, kull impriża li qiegħdet 500 tunnellata ta' ekwivalenti għal CO₂ jew aktar ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u ta' gassijiet elenkati fl-Anness II fi prodotti jew tagħmir imqiegħed fis-suq matul is-sena kalendarja preċedenti għandha tirrapporta lill-Kummissjoni d-data speċifikata fl-Anness VII dwar kull waħda minn dawk is-sustanzi għal dik is-sena kalendarja.

5. Kull importatur tat-tagħmir li jqiegħed fis-suq tagħmir iċċarġjat minn qabel fejn l-idrofluworokarburi li jinsabu f'dan tagħmir ma jkunux tqiegħdu fis-suq qabel l-iċċarġjar tat-tagħmir għandu jippreżenta dokument ta' verifika lill-Kummissjoni maħruġ skont l-Artikolu 14(2).

6. Sat-30 ta' Ġunju 2015 u kull sena wara kull impriża li skont il-paragrafu 1 tirrapporta dwar it-tqegħid fis-suq 10 000 tunnellata ta' ekwivalenti għal CO₂ jew aktar ta' idrofluworokarburi matul is-sena kalendarja preċedenti għandha, barra dan, tiżgura li l-eżattezza tad-data tiġi verifikata minn awditur indipendenti. L-awditur għandu jkun:

(a) akkreditat skont id-Direttiva 2003/87/KE; jew

(b) akkreditat biex jiverifika dikjarazzjonijiet finanzjarji f'konformità mal-leġislazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

L-impriża għandha żżomm ir-rapport ta' verifika għal mill-inqas ħames snin. Ir-rapport ta' verifika għandu, fuq talba, jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat u lill-Kummissjoni.

7. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddetermina l-format u l-mezz kif jitressqu r-rapporti msemmija f'dan l-Artikolu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24.

8. Il-Kummissjoni tieħu miżuri xierqa sabiex tiproteġi l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni mressqa quddiemha skont dan l-Artikolu.

*Artikolu 20***Ġbir ta' data dwar l-emissjonijiet**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi ta' rapportar għas-setturi rilevanti msemmija f'dan ir-Regolament, bil-għan li tinkiseb, sa fejn huwa possibbli, data dwar l-emissjonijiet.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI*Artikolu 21***Rieżami**

1. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 22 rigward l-aġġornament tal-Annessi I, II u IV abbażi ta' Rapportji ġodda ta' Valutazzjoni adottati mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima jew rapportji ġodda tal-Panel ta' Valutazzjoni Xjentifika (SAP) tal-Protokoll ta' Montreal dwar il-potenzjal ta' tisħin globali tas-sustanzi elenkati.

2. Abbażi ta' informazzjoni dwar it-tqegħid fis-suq tal-gassijiet elenkati fl-Annessi I u II, irrapportat skont l-Artikolu 19 u dwar emissjonijiet ta' gassijiet serra fluworinati li ġiet mogħtija skont l-Artikolu 20 u abbażi ta' kull informazzjoni rilevanti rċevuta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-applikazzjoni u l-effetti ta' dan ir-Regolament.

Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar id-disponibbiltà tal-idrofluworokarburi fis-suq tal-Unjoni.

Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2022, għandha tippubblika rapport komprensiv dwar l-effetti ta' dan ir-Regolament, li jinkludi b'mod partikolari:

- (a) tbsair tad-domanda kontinwata għal idrofluworokarburi sa u wara l-2030;
- (b) valutazzjoni tal-ħtieġa għal aktar azzjoni mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha fid-dawl ta' impenji internazzjonali eżistenti u ġodda dwar it-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet fluworinati b'effett ta' serra;
- (c) ħarsa ġenerali tal-istandards Ewropej u internazzjonali, tal-leġislazzjoni nazzjonali dwar is-sikurezza u tal-kodiċijiet tal-bini fl-Istati Membri fir-rigward tat-transizzjoni għal refriġeranti alternattivi;
- (d) rieżami tad-disponibbiltà ta' alternattivi kosteffettivi u teknikament vijabbli għal prodotti u tagħmir li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għal prodotti u tagħmir mhux elenkat fl-Anness III, filwaqt li titqies l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija.

3. Mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport li jivvaluta l-projbizzjoni skont il-punt 13 tal-Anness III, filwaqt li jittieħed kont b'mod partikolari tad-disponibbiltà ta' alternattivi kosteffettivi, teknikament vijabbli, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u affidabbli għas-sistemi ta' refriġerazzjoni ċentralizzati kollettivi msemmija f'dik id-dispożizzjoni. Fid-dawl ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tippreżenta, jekk adatt, proposta leġislattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bil-ħsieb li temenda d-dispożizzjoni skont il-punt 13 tal-Anness III.

4. Mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport li jivvaluta jekk jeżistux alternattivi kosteffettivi, teknikament vijabbli, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u affidabbli, li jippermettu li l-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jiġu sostitwiti bi switchgear sekondarju ġdid ta' vultaġġ medju u b'sistemi żgħar ġodda tal-arja kondizzjonata maqsumin f'żewġ partijiet u għandha tippreżenta, jekk ikun adatt, proposta leġislattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex il-lista stabbilita fl-Anness III tiġi emendata.

5. Mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport li jivvaluta l-metodu għall-allokazzjoni tal-kwoti, inkluż l-impatt tal-allokazzjoni tal-kwoti mingħajr hłas, u l-ispejjeż tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri u ta' ftehim internazzjonali possibbli dwar l-idrofluworokarburi, jekk ikun applikabbli. Fid-dawl ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tippreżenta, jekk adatt, proposta leġislattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bil-ħsieb li:

- (a) temenda l-metodu għall-allokazzjoni tal-kwota;
- (b) tistabbilixxi metodu adatt għad-distribuzzjoni ta' kwalunkwe dħul possibbli.

6. Mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2017, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport li jeżamina l-leġislazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tat-taħriġ ta' persuni fiżiċi għat-trattament sikur ta' refriġeranti alternattivi biex jiġi sostitwit jew biex jitnaqqas l-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u għandha tippreżenta, jekk ikun adatt, proposta leġislativa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-emenda tal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

Artikolu 22

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati qed tingħata lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 12(15) u 21(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mill-10 ta' Ġunju 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi oħra ta' ħames snin, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull tali perijodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 12(15) u 21(1) tista' tiġi rrevokata f'kull ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemm. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tavża fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwaru.
5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 12(15) u 21(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressal-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill f'perijodu ta' xahrejn min-notifika tal-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li huma ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 23

Forum ta' Konsultazzjoni

Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tiżgura parteċipazzjoni bilanċjata tar-rappreżentanti tal-Istati Membri u tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet ambjentali, rappreżentanti ta' manifatturi, operaturi u ta' persuni ċertifikati. Għal dak l-għan, hija għandha tistabbilixxi Forum ta' Konsultazzjoni biex ilaqqaq dawk il-partijiet u biex jipprovdri pariri u kompetenza lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tad-disponibbiltà ta' alternattivi għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, inklużi l-aspetti ambjentali, tekniċi, ekonomiċi u ta' sikurezza tal-użu tagħhom. Ir-regoli ta' proċedura tal-Forum ta' Konsultazzjoni għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni u għandhom jiġu ppubblikati.

Artikolu 24

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Fejn il-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 25

Penali

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2017 u għandhom jinnotifikawha bla dewmien dwar kwalunkwe emenda li taffettwahom.

2. Flimkien mal-penali msemmija fil-paragrafu 1, impriżi li qabżu l-kwota tagħhom għat-tqegħid fis-suq ta' idrofluworokarburji, allokata skont l-Artikolu 16(5) jew trasferita lilhom skont l-Artikolu 18, jistgħu jiġu allokati biss allokazzjoni ta' kwota mnaqqsa għall-perjodu ta' allokazzjoni wara li jkun instab iż-żejjed.

L-ammont tat-tnaqqis għandu jiġi kkalkolat bħala 200 % tal-ammont li bih inqabżet il-kwota. Jekk l-ammont tat-tnaqqis ikun ikbar mill-ammont li għandu jiġu allokat skont l-Artikolu 16 (5) bħala kwota għall-perjodu ta' allokkazzjoni wara li jkun instab iż-żejjed, ma għandha tiġi allokata l-ebda kwota għal dak il-perjodu ta' allokkazzjoni u l-kwota għall-perjodi ta' allokkazzjoni ta' wara għandha titnaqqas ukoll sa ma jkun tnaqqas l-ammont sħiħ.

Artikolu 26

Tħassir

Ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 għandu jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2015, mingħajr preġudizzju għall-ħarsien tar-reqwiżiti ta' dak ir-Regolament skont l-iskeda ta' żmien li tinsab fih.

Madankollu, ir-Regolamenti (KE) Nru 1493/2007, (KE) Nru 1494/2007, (KE) Nru 1497/2007, (KE) Nru 1516/2007, (KE) Nru 303/2008, (KE) Nru 304/2008, (KE) Nru 305/2008, (KE) Nru 306/2008, (KE) Nru 307/2008 u (KE) Nru 308/2008 għandhom jibqgħu fis-seħħ u jkomplu japplikaw ħlief jekk u sa ma jitħassru permezz ta' atti delegati jew atti ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament.

Ir-referenzi għar-Regolament (KE) Nru 842/2006 għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VIII.

Artikolu 27

Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, is-16 ta' April 2014.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

M. SCHULZ

Għall-Kunsill

Il-President

D. KOURKOULAS

ANNEX I

GASSIJET FLUWORURATI B'EFFETT TA' SERRA MSEMMIJA FIL-PUNT 1 TAL-ARTIKOLU 2

Denominazzjoni Industrijali	Sustanza		GWP ⁽¹⁾
	Isem kimiku (Isem komuni)	Formula kimika	
Taqsim 1: Idrofluworokarburi (HFCs)			
HFC-23	trifluworometan fluworoform	CHF ₃	14 800
HFC-32	difluworometan	CH ₂ F ₂	675
HFC-41	fluworometan (fluworur tal-metil)	CH ₃ F ₂	92
HFC-125	pentafluworoetan	CHF ₂ CF ₃	3 500
HFC-134	1,1,2,2-tetrafluworoetan	CHF ₂ CHF ₂	1 100
HFC-134a	1,1,1,2-tetrafluworoetan	CH ₂ FCF ₃	1 430
HFC-143	1,1,2-trifluworoetan	CH ₂ FCF ₂	353
HFC-143a	1,1,1-trifluworoetan	CH ₃ FCF ₃	4 470
HFC-152	1,2-difluworoetan	CH ₂ FCH ₂ F	53
HFC-152a	1,1-difluworoetan	CH ₃ CHF ₂	124
HFC-161	fluworoetan (fluworur tal-etil)	CH ₃ CH ₂ F	12
HFC-227ea	1,1,1,2,3,3,3-ettafluworopropan	CF ₃ CHFCF ₃	3 220
HFC-236cb	1,1,1,2,2,3-ezafluworopropan	CH ₂ FCF ₂ CF ₃	1 340
HFC-236ea	1,1,1,2,3,3-ezafluworopropan	CHF ₂ CHFCF ₃	1 370
HFC-236fa	1,1,1,3,3,3-ezafluworopropan	CF ₃ CH ₂ CF ₃	9 810
HFC-245ca	1,1,2,2,3-pentafluworopropan	CH ₂ FCF ₂ CHF ₂	693
HFC-245fa	1,1,1,3,3-pentafluworopropan	CHF ₂ CH ₂ CF ₃	1 030

Sustanza			GWP ⁽¹⁾
Denominazzjoni Industrijali	Isem kimiku (Isem komuni)	Formula kimika	
HFC-365 mfc	1,1,1,3,3-pentafluorobutan	CF ₃ CH ₂ CF ₂ CH ₃	794
HFC-43-10 mee	1,1,1,2,2,3,4,5,5,5-dekafluoropentan	CF ₃ CHFCHF ₂ CF ₃	1 640

Taqsim 2: Perfluworokarburi (PFCs)

PFC-14	Tetrafluworometan (perfluworometan, tetrafluworur tal-karbonju)	CF ₄	7 390
PFC-116	eżafluoroetan (perfluoroetan)	C ₂ F ₆	12 200
PFC-218	ottafluworopropan (perfluworopropan)	C ₃ F ₈	8 830
PFC-3-1-10 (R-31-10)	dekafluworobutan (perfluworobutan)	C ₄ F ₁₀	8 860
PFC-4-1-12 (R-41-12)	dodekafluworopentan (perfluworopentan)	C ₅ F ₁₂	9 160
PFC-5-1-14 (R-51-14)	tetradekafluworożan perfluworożan	C ₆ F ₁₄	9 300
PFC-c-318	ottafluworoċiklobutan (perfluworoċiklobutan)	c-C ₄ F ₈	10 300

Taqsim 3: Komposti perfluworurati oħra

	eżafluworur tal-kubrit	SF ₆	22 800
--	------------------------	-----------------	--------

⁽¹⁾ Ibbażat fuq ir-Raba' Rapport ta' Valutazzjoni adottat mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima, sakemm ma jiġix indikat mod ieħor.

ANNEX II

GASSIJET FLUWORURATI B'EFFETT TA' SERRA OĦRAJN SOĠĠETTI GĦAR-RAPPURTAR F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 19

Sustanza		GWP (1)
Isem komuni/denominazzjoni industrijali	Formula kimika	

Taqsimha 1: Idro(kloro)fluworokarburi mhux saturati

HFC-1234yf	$\text{CF}_3\text{CF} = \text{CH}_2$	4 ^{Fn (2)}
HFC-1234ze	trans — $\text{CHF} = \text{CHCF}_3$	7 ^{Fn 2}
HFC-1336mzz	$\text{CF}_3\text{CH} = \text{CHCF}_3$	9
HCFC-1233zd	$\text{C}_3\text{H}_2\text{C}_1\text{F}_3$	4,5
HCFC-1233xf	$\text{C}_3\text{H}_2\text{C}_1\text{F}_3$	1 ^{Fn (3)}

Taqsimha 2: Eteriu u alkoli fluworurati

HFE-125	CHF_2OCF_3	14 900
HFE-134 (HG-00)	$\text{CHF}_2\text{OCHF}_2$	6 320
HFE-143a	CH_3OCF_3	756
HCFE-235da2 (isofluorane)	$\text{CHF}_2\text{OCHC}_1\text{CF}_3$	350
HFE-245cb2	$\text{CH}_3\text{OCF}_2\text{CF}_3$	708
HFE-245fa2	$\text{CHF}_2\text{OCH}_2\text{CF}_3$	659
HFE-254cb2	$\text{CH}_3\text{OCF}_2\text{CHF}_2$	359
HFE-347 mcc3 (HFE-7000)	$\text{CH}_3\text{OCF}_2\text{CF}_2\text{CF}_3$	575
HFE-347pcf2	$\text{CHF}_2\text{CF}_2\text{OCH}_2\text{CF}_3$	580
HFE-356pcc3	$\text{CH}_3\text{OCF}_2\text{CF}_2\text{CHF}_2$	110
HFE-449sl (HFE-7100)	$\text{C}_4\text{F}_9\text{OCH}_3$	297
HFE-569sf2 (HFE-7200)	$\text{C}_4\text{F}_9\text{OC}_2\text{H}_5$	59

Sustanza		GWP (1)
Isem komuni/denominazzjoni industrijali	Formula kimika	
HFE-43-10pccc124 (H-Galden 1040x) HG-11	$\text{CHF}_2\text{OCF}_2\text{OC}_2\text{F}_4\text{OCHF}_2$	1 870
HFE-236ca12 (HG-10)	$\text{CHF}_2\text{OCF}_2\text{OCHF}_2$	2 800
HFE-338pcc13 (HG-01)	$\text{CHF}_2\text{OCF}_2\text{CF}_2\text{OCHF}_2$	1 500
HFE-347mmy1	$(\text{CF}_3)_2\text{CFOCH}_3$	343
2,2,3,3,3-pentafluoropropanol	$\text{CF}_3\text{CF}_2\text{CH}_2\text{OH}$	42
bis(trifluoromethyl)-methanol	$(\text{CF}_3)_2\text{CHOH}$	195
HFE-227ea	$\text{CF}_3\text{CHFOCF}_3$	1 540
HFE-236ea2 (desfluoran)	$\text{CHF}_2\text{OCHF}_2\text{CF}_3$	989
HFE-236fa	$\text{CF}_3\text{CH}_2\text{OCF}_3$	487
HFE-245fa1	$\text{CHF}_2\text{CH}_2\text{OCF}_3$	286
HFE 263fb2	$\text{CF}_3\text{CH}_2\text{OCH}_3$	11
HFE-329 mcc2	$\text{CHF}_2\text{CF}_2\text{OCF}_2\text{CF}_3$	919
HFE-338 mcf2	$\text{CF}_3\text{CH}_2\text{OCF}_2\text{CF}_3$	552
HFE-338mmz1	$(\text{CF}_3)_2\text{CHOCHF}_2$	380
HFE-347 mcf2	$\text{CHF}_2\text{CH}_2\text{OCF}_2\text{CF}_3$	374
HFE-356 mec3	$\text{CH}_3\text{OCF}_2\text{CHFCF}_3$	101
HFE-356mm1	$(\text{CF}_3)_2\text{CHOCH}_3$	27
HFE-356pcf2	$\text{CHF}_2\text{CH}_2\text{OCF}_2\text{CHF}_2$	265
HFE-356pcf3	$\text{CHF}_2\text{OCH}_2\text{CF}_2\text{CHF}_2$	502
HFE 365 mcf3	$\text{CF}_3\text{CF}_2\text{CH}_2\text{OCH}_3$	11

Sustanza		GWP ⁽¹⁾
Isem komuni/denominazzjoni industrijali	Formula kimika	
HFE-374pc2	CHF ₂ CF ₂ OCH ₂ CH ₃	557
	- (CF ₂) ₄ CH (OH) -	73

Taqsim 3: Komposti perfluworurati oħra

perfluoropolymethylisopropyl-eter (PFPMIE)	CF ₃ OCF(CF ₃)CF ₂ OCF ₂ OCF ₃	10 300
Trifluworur tan-nitroġenu	NF ₃	17 200
trifluworometil pentafluworur tal-kubrit	SF ₅ CF ₃	17 700
perfluworoċiklopropan	c-C ₃ F ₆	17 340 ^{Fn} (4)

(¹) Ibbażat fuq ir-Raba' Rapport ta' Valutazzjoni adottat mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima, sakemm ma jġix indikat mod ieħor.

(²) Potenzjal ta' tisħin globali (GWP) skont ir-Rapport ta' Valutazzjoni tal-2010 tal-Panel ta' Valutazzjoni Xjentifika (SAP) tal-Protokoll ta' Montreal, Tabelli 1-11, fejn jġu kkwotati żewġ referenzi xjentifiċi riveduti mill-pari. http://ozone.unep.org/Assessment_Panels/SAP/Scientific_Assessment_2010/index.shtml

(³) Valur ta' bażi, potenzjal ta' tisħin globali għadu mhux disponibbli.

(⁴) Valur minimu skont ir-Raba' Rapport ta' Valutazzjoni adottat mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima.

ANNEX III

TQEGĦID FIS-SUQ TAL-PROJBIZZJONIJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 11(1)

Prodotti u tagħmir		Data tal-projbizzjoni
Fejn ikun rilevanti, il-GWP ta' taħlitiet li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandu jiġi kkalkolat skont l-Anness IV, kif previst fil-punt 6 tal-Artikolu 2		
1. Kontenituri għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra li ma jstgħux jerġgħu jimtlew, użati għall-għoti ta' service, il-manutenzjoni jew il-mili ta' tagħmir ta' refriġerazzjoni, arja kondizzjonata jew pompi-tas-sħana, ta' sistemi ta' protezzjoni kontra n-nar jew apparat li jiddistribwixxi l-elettriku fi stazzjon elettrika (switchgear), jew biex jintużaw bħala solventi		fl-4 ta' Lulju 2007.
2. Sistemi ta' evaporazzjoni diretta mhux imrażżna li fihom HFCs u PFCs bħala refriġeranti		fl-4 ta' Lulju 2007.
3. Tagħmir ta' protezzjoni min-nar	li fihom PFCs	fl-4 ta' Lulju 2007.
	li fihom l-HFC-23	fl-1 ta' Jannar 2016.
4. Twieqi għal użu domestiku li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra		fl-4 ta' Lulju 2007.
5. Twieqi oħrajn li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra		fl-4 ta' Lulju 2008.
6. Żraben li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra		fl-4 ta' Lulju 2006.
7. Tajers li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra		fl-4 ta' Lulju 2007.
8. Ragħwiet b'komponent wieħed, ħlief meta jkunu meħtieġa sabiex jiġu sodisfatti standards nazzjonali ta' sikurezza, li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP ta' 150 jew aktar		fl-4 ta' Lulju 2008.
9. Ġeneraturi tal-aerosol kummerċjalizzati u maħsuba għall-bejgħ lill-pubbliku ġenerali għal skopijiet ta' divertiment u tiżjin, kif elenkati fil-punt 40 tal-Anness XVII għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, u ħornijiet tal-gass, li fihom HFCs b'GWP ta' 150 jew aktar		fl-4 ta' Lulju 2009.
10. Refriġeraturi u friżi domestiċi li fihom HFCs b'GWP ta' 150 jew aktar		fl-1 ta' Jannar 2015.
11. Refriġeraturi u friżi għal użu kummerċjali (tagħmir issiġillat ermetikament)	li fihom HFCs b'GWP ta' 2 500 jew aktar	fl-1 ta' Jannar 2020.
	li fihom HFCs b'GWP ta' 150 jew aktar	fl-1 ta' Jannar 2022.
12. Tagħmir ta' refriġerazzjoni stazzjonarju li fih, jew li l-funzjonament tiegħu jiddependi minn, HFCs b'GWP ta' 2 500 jew aktar, ħlief tagħmir maħsub għal applikazzjoni li hija mfassla biex tkessaħ prodotti għal temperaturi inqas minn - 50 °C		fl-1 ta' Jannar 2020.
13. Sistemi ta' refriġerazzjoni ċentralizzati kollettivi għal użu kummerċjali b'kapaċità stimata ta' 40 kW jew aktar li fihom, jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi minn, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP ta' 150 jew aktar, ħlief fiċ-ċirkwit refriġerant primarju ta' sistemi kaskati fejn jstgħu jintużaw gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP ta' inqas minn 1 500		fl-1 ta' Jannar 2022.

Prodotti u taġmir		Data tal-projbizzjoni
Fejn ikun rilevanti, il-GWP ta' taħlitiet li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandu jiġi kkalkolat skont l-Anness IV, kif previst fil-punt 6 tal-Artikolu 2		
14. Taġmir mobbli tal-arja kondizzjonata għall-kmamar (taġmir issiġillat ermetikament li jista' jiġi mcaqalaq bejn kamra u oħra mill-utent finali) li fihom HFCs b'GWP ta' 150 jew aktar		fl-1 ta' Jannar 2020.
15. Sistemi tal-ajra kondizzjonata maqsumin fi tnejn li fihom inqas minn 3 kg ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li fihom, jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi minn, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP ta' 750 jew aktar		fl-1 ta' Jannar 2025.
16. Rawghiet li fihom HFCs b'GWP ta' 150 jew aktar ħlief meta jkunu meħtieġa jiġu sodisfatti standards nazzjonali ta' sikurezza	Polisterin estruż (XPS)	fl-1 ta' Jannar 2020.
	Rawghiet oħra	fl-1 ta' Jannar 2023.
17. Aerosols tekniċi li fihom HFCs b'GWP ta' 150 jew aktar, ħlief meta jkunu meħtieġa biex jiġu sodisfatti standards nazzjonali ta' sikurezza jew meta jintużaw għal applikazzjonijiet mediċi		fl-1 ta' Jannar 2018.

ANNEX IV

METODU GĦALL-KALKOLU TAL-GWP TA' TAĦLITA

Il-GWP ta' taħlita huwa kkalkolat bħala medja peżata, derivata mis-somma tal-frazzjonijiet tal-piż tas-sustanzi individwali multiplikati bil-GWP tagħhom, sakemm mhux speċifikat mod ieħor, inklużi sustanzi li mhumiex gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.

$$\Sigma (\text{Sustanza X \%} \times \text{GWP}) + (\text{Sustanza Y \%} \times \text{GWP}) + \dots (\text{Sustanza N \%} \times \text{GWP}),$$

fejn % huwa l-kontribut skont il-piż b'tolleranza tal-piż ta' +/- 1 %.

Pereżempju: l-applikazzjoni tal-formula għal taħlita ta' gassijiet li tikkonsisti minn 60 % dimetiletere, 10 % HFC-152a u 30 % isobutan:

$$\Sigma (60 \% \times 1) + (10 \% \times 124) + (30 \% \times 3)$$

$$\rightarrow \text{GWP totali} = 13,9$$

Il-GWP tas-sustanzi mhux fluworurati li ġejjin jintużaw sabiex jiġi kkalkolat il-GWP tat-taħlitiet. Għal sustanzi oħra mhux elenkati f'dan l-anness japplika valur ta' bażi ta' 0.

Sustanza			GWP ⁽¹⁾
Isem komuni	Denominazzjoni industrijali	Formula kimika	
metan		CH ₄	25
ossidu nitruż		N ₂ O	298
dimetiletere		CH ₃ OCH ₃	1
klorur tal-metilen		CH ₂ Cl ₂	9
klorur tal-metil		CH ₃ Cl	13
kloroform		CHCl ₃	31
etan	R-170	CH ₃ CH ₃	6
propan	R-290	CH ₃ CH ₂ CH ₃	3
butan	R-600	CH ₃ CH ₂ CH ₂ CH ₃	4
isobutan	R-600a	CH(CH ₃) ₂ CH ₃	3
pentan	R-601	CH ₃ CH ₂ CH ₂ CH ₂ CH ₃	5 ⁽²⁾
isopentan	R-601a	(CH ₃) ₂ CHCH ₂ CH ₃	5 ⁽²⁾
etossietan (dietiletere)	R-610	CH ₃ CH ₂ OCH ₂ CH ₃	4
format tal-metil	R-611	HCOOCH ₃	25
idroġenu	R-702	H ₂	6
ammonja	R-717	NH ₃	0
etilen	R-1150	C ₂ H ₄	4
propilen	R-1270	C ₃ H ₆	2
ċiklopentan		C ₅ H ₁₀	5 ⁽²⁾

⁽¹⁾ Ibbażat fuq ir-Raba' Rapport ta' Valutazzjoni adottat mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima, sakemm ma jiġix indikat mod ieħor.

⁽²⁾ Sustanza mhux elenkata fir-Raba' Rapport ta' Valutazzjoni adottat mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima. Valur ta' bażi fuq il-bażi tal-GWPs ta' idrokarburi oħrajn.

ANNEX V

KALKOLU TAL-KWANTITÀ MASSIMA, TAL-VALURI TA' REFERENZA U TAL-KWOTI GĦAT-TQEGĦID TAL-IDROFLUWOROKARBURI FIS-SUQ

Il-kwantità massima msemmija fl-Artikolu 15(1) għandha tiġi kkalkolata bl-applikazzjoni tal-perċentwali li ġejjin għall-medja annwali tal-kwantità totali li tqiegħdet fis-suq fl-Unjoni matul il-perijodu mill-2009 sal-2012. Mill-2018 'il quddiem, il-kwantità massima msemmija fl-Artikolu 15(1) għandha tiġi kkalkolata bl-applikazzjoni tal-perċentwali li ġejjin għall-medja annwali tal-kwantità totali mqiegħda fis-suq fl-Unjoni matul il-perijodu mill-2009 sal-2012, u sussegwentement jitnaqqsu l-ammonti għall-użi eżentati skont l-Artikolu 15(2), abbażi ta' data disponibbli.

Snin	Perċentwali għall-kalkolu tal-kwantità massima tal-idrofluworokarburi li għandhom jitqiegħdu fis-suq u l-kwoti korrispondenti
2015	100 %
2016-17	93 %
2018-20	63 %
2021-23	45 %
2024-26	31 %
2027-29	24 %
2030	21 %

Il-kwantità massima, il-valuri ta' referenza u l-kwoti għat-tqegħid tal-idrofluworokarburi fis-suq imsemmija fl-Artikoli 15 u 16 għandhom jiġu kkalkolati bħala l-kwantitajiet aggregati tat-tipi kollha ta' idrofluworokarburi, espressi f'tunnellat(i) ta' ekwivalenti għal CO₂.

Il-kalkolu tal-valuri ta' referenza u tal-kwoti għat-tqegħid fis-suq tal-idrofluworokarburi msemmija fl-Artikoli 15 u 16 għandhom ikunu bbażati fuq il-kwantitajiet ta' idrofluworokarburi li l-produtturi u l-importaturi jkunu qiegħdu fis-suq fl-Unjoni matul il-perijodu ta' referenza jew ta' allokkazzjoni iżda li jeskludu l-kwantitajiet ta' idrofluworokarburi għall-użu msemmi fl-Artikolu 15(2) matul l-istess perijodu, abbażi tad-data disponibbli.

It-transazzjonijiet imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 15(2) għandhom jiġu vverifikati f'konformità mal-Artikolu 19(6) irrispettivament mill-kwantitajiet involuti.

ANNEX VI

MEKKANIŻMU TA' ALLOKAZZJONI MSEMMI FL-ARTIKOLU 16

1. Determinazzjoni tal-kwantità li għandha tiġi allokata lill-impriżi li għalihom ikun ġie stabbilit valur ta' referenza skont l-Artikolu 16(1) u (3)

Kull impriża li għaliha jkun ġie stabbilit valur ta' referenza tirċievi kwota li tikkorrispondi għal 89 % tal-valur ta' referenza mmultiplikata bil-perċentwal indikat fl-Anness V għas-sena rispettiva.

2. Determinazzjoni tal-kwantità li għandha tiġi allokata lill-impriżi li ppreżentaw dikjarazzjoni skont l-Artikolu 16(2)

Is-somma tal-kwoti allokati taħt il-punt 1 titnaqqas mill-kwantità massima għas-sena partikolari stabbilita fl-Anness V sabiex tiġi ddeterminata l-kwantità li għandha tiġi allokata lill-impriżi li għalihom ma jkun ġie stabbilit l-ebda valur ta' referenza u li jkunu ppreżentaw dikjarazzjoni taħt l-Artikolu 16(2) (il-kwantità li għandha tiġi allokata fil-pass 1 tal-kalkolu).

- 2.1. Pass 1 tal-kalkolu

Kull impriża tirċievi allokkazzjoni li tikkorrispondi għall-kwantità mitluba fid-dikjarazzjoni tagħha, iżda mhux aktar minn sehem pro rata tal-kwantità li għandha tiġi allokata fil-pass 1.

Is-sehem pro rata jiġi kkalkolat billi n-numru 100 jiġi diviż bl-għadd ta' impriżi li ppreżentaw dikjarazzjoni. Is-somma tal-kwoti allokati fil-pass 1 titnaqqas mill-kwantità li għandha tiġi allokata fil-pass 1 sabiex tiġi ddeterminata l-kwantità li għandha tiġi allokata fil-pass 2.

- 2.2. Pass 2 tal-kalkolu

Kull impriża li ma kisbitx 100 % tal-kwantità mitluba fid-dikjarazzjoni tagħha fil-pass 1 tirċievi allokkazzjoni addizzjonali li tikkorrispondi għad-differenza bejn il-kwantità mitluba u l-kwantità miksuba fil-pass 1. Madankollu, din ma għandhiex teċċedi s-sehem pro rata tal-kwantità li għandha tiġi allokata fil-pass 2.

Is-sehem pro rata jiġi kkalkolat billi n-numru 100 jiġi diviż bin-numru ta' impriżi eliġibbli għal allokkazzjoni fil-pass 2. Is-somma tal-kwoti allokati fil-pass 2 titnaqqas mill-kwantità li għandha tiġi allokata fil-pass 2 sabiex tiġi ddeterminata l-kwantità li għandha tiġi allokata fil-pass 3.

- 2.3. Pass 3 tal-kalkolu

Il-pass 2 jiġi ripetut sakemm jiġu ssodisfati d-domandi kollha jew il-kwantità li jifdal u li għandha tiġi allokata fil-fażi li jmiss tkun inqas minn 500 tunnellata ta' ekwivalenti għal CO₂.

3. Determinazzjoni tal-kwantità li għandha tiġi allokata lill-impriżi li ppreżentaw dikjarazzjoni skont l-Artikolu 16(4).

Għall-allokkazzjoni tal-kwoti għall-2015 sal-2017 is-somma tal-kwoti allokati taħt il-punti 1 u 2 titnaqqas mill-kwantità massima għas-sena partikolari stabbilita fl-Anness V sabiex tiġi ddeterminata l-kwantità li għandha tiġi allokata lill-impriżi li għalihom ikun ġie stabbilit valur ta' referenza u li jkunu ppreżentaw dikjarazzjoni skont l-Artikolu 16(4).

Japplika l-mekkaniżmu ta' allokkazzjoni stabbilit fil-punti 2.1 u 2.2.

Għall-allokkazzjoni tal-kwoti għall-2018 u għal kull sena wara, impriżi li jkunu ppreżentaw dikjarazzjoni skont l-Artikolu 16(4) għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħall-impriżi li jkunu ppreżentaw dikjarazzjoni skont l-Artikolu 16(2).

ANNEX VII

DATA LI GĦANDHA TIĠI RRAPPORATA SKONT L-ARTIKOLU 19

1. Kull produttur imsemmi fl-Artikolu 19(1) għandu jirrapporta dwar:
 - (a) il-kwantità totali ta' kull sustanza elenkata fl-Annessi I u II li jkun ipprođuċa fl-Unjoni, u jidentifika l-kategoriji prinċipali ta' applikazzjoni fejn tintuża s-sustanza;
 - (b) il-kwantitajiet ta' kull sustanza elenkata fl-Annessi I u, fejn applikabbli, l-Anness II li huwa jkun qiegħed fis-suq fl-Unjoni filwaqt li jispeċifika individwalment il-kwantitajiet imqiegħda fis-suq għall-użu ta' feedstock, l-esportazzjonijiet diretti, il-produzzjoni ta' inalaturi ta' doża mkejla għall-għoti ta' ingredjenti farmaċewtiċi, l-użu f'taġħmir militari u l-użu fl-inċiżjoni ta' materjal semikonduttur jew it-tindif ta' kompartimenti għad-depożizzjoni ta' fwar kimiku fi ħdan is-settur tal-manifattura tas-semikondutturi.
 - (c) il-kwantitajiet ta' kull sustanza elenkata fl-Annessi I u II li għet irriċiklata, riġenerata u meqruda, rispettivament;
 - (d) kwalunkwe ħażna miżmuma fil-bidu u fit-tmiem tal-perijodu ta' rapportar;
 - (e) kwalunkwe awtorizzazzjoni biex juża l-kwota, filwaqt li jispeċifika l-kwantitajiet rilevanti, għall-fini tal-Artikolu 14.
2. Kull importatur imsemmi fl-Artikolu 19(1) għandu jirrapporta dwar:
 - (a) il-kwantitajiet ta' kull sustanza elenkata fl-Annessi I u, fejn applikabbli, l-Anness II li huwa jkun importa fl-Unjoni, filwaqt li jidentifika l-kategoriji ewlenin ta' applikazzjoni li fihom tintuża s-sustanza, filwaqt li jispeċifika individwalment il-kwantitajiet imqiegħda fis-suq għall-qerda, l-użu ta' feedstock, l-esportazzjonijiet diretti, il-produzzjoni ta' inalaturi ta' doża mkejla għall-għoti ta' ingredjenti farmaċewtiċi, l-użu f'taġħmir militari u l-użu fl-inċiżjoni ta' materjal semikonduttur u t-tindif ta' kompartimenti għad-depożizzjoni ta' fwar kimiku fi ħdan is-settur tal-manifattura tas-semikondutturi;
 - (b) il-kwantitajiet ta' kull sustanza elenkata fl-Annessi I u II li għet irriċiklata, riġenerata u meqruda, rispettivament;
 - (c) kwalunkwe awtorizzazzjoni biex juża l-kwota, filwaqt li jispeċifika l-kwantitajiet rilevanti, għall-fini tal-Artikolu 14;
 - (d) kwalunkwe ħażna miżmuma fil-bidu u fit-tmiem tal-perijodu ta' rapportar.
3. Kull esportatur imsemmi fl-Artikolu 19(1) għandu jirrapporta dwar:
 - (a) il-kwantitajiet ta' kull sustanza elenkata fl-Annessi I u II li jkun esporta mill-Unjoni għajr biex dawn jiġu rriċiklati, riġeneratijew meqruda;
 - (b) kwalunkwe kwantità ta' kull sustanza elenkata fl-Annessi I u II li jkun esporta mill-Unjoni sabiex tiġi rriċiklata, riġenerata u meqruda, rispettivament.
4. Kull impriża msemija fl-Artikolu 19(2) għandha tirrapporta dwar:
 - (a) il-kwantitajiet ta' sustanza elenkata fl-Annessi I u II meqruda, inklużi l-kwantitajiet ta' dawk is-sustanzi inklużi fi prodotti jew f'taġħmir;
 - (b) kwalunkwe ħażna ta' kull sustanza elenkata fl-Annessi I u II li qed tistenna li tinqered, inklużi l-kwantitajiet ta' dawk is-sustanzi inklużi fi prodotti jew f'taġħmir;
 - (c) it-teknoloġija użata għall-qerda tas-sustanzi elenkati fl-Annessi I u II.
5. Kull impriża msemija fl-Artikolu 19(3) għandha tirrapporta dwar il-kwantitajiet ta' kull sustanza użata elenkata fl-Annessi I bħala feedstock.

6. Kull impriża msemmija fl-Artikolu 19(4) għandha tirrapporta dwar:
- (a) il-kategoriji tal-prodotti jew tat-tagħmir li jkun fihom sustanzi elenkati fl-Annessi I u II;
 - (b) l-għadd ta' unitajiet;
 - (c) kwalunkwe kwantità ta' kull sustanza elenkata fl-Annessi I u II li tinsab fil-prodotti jew fit-tagħmir
-

ANNEX VIII

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 842/2006	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3(1)	Artikolu 3(2) ub (3)
Artikolu 3(2), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 4(1), (2) u (3)
Artikolu 3(2), it-tieni subparagrafu	Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu
Artikolu 3(2), it-tielet subparagrafu	—
Artikolu 3(3)	Artikolu 5(1)
Artikolu 3(4)	Artikolu 4(3)
Artikolu 3(5)	Artikolu 4(45)
Artikolu 3(6)	Artikolu 6(1) u (2)
Artikolu 3(7)	Artikolu 4(5)
Artikolu 4(1)	Artikolu 8(1)
Artikolu 4(2)	Artikolu 8(2)
Artikolu 4(3)	Artikolu 8(3)
Artikolu 4(4)	—
Artikolu 5(1)	Artikolu 10(5) u (12)
Artikolu 5(2), l-ewwel sentenza	Artikolu 10(1), (2) u (6)
Artikolu 5(2), it-tieni sentenza	Artikolu 10(10), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 5(2), it-tielet sentenza	Artikolu 10(10), it-tieni subparagrafu
Artikolu 5(3)	Artikolu 3(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 10(3)
Artikolu 5(4)	Artikolu 11(4)
Artikolu 5(5)	Artikolu 10(13)
Artikolu 6(1)	Artikolu 19(1) u l-Anness VII
Artikolu 6(2)	Artikolu 19(7)
Artikolu 6(3)	Artikolu 19(8)
Artikolu 6(4)	Artikolu 20 u Artikolu 6(2)
Artikolu 7(1) l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza	Artikolu 12(1) l-ewwel sentenza
Artikolu 7(1) it-tieni subparagrafu	Artikolu 12(3)

Ir-Regolament (KE) Nru 842/2006	Dan ir-Regolament
Artikolu 7(2)	Artikolu 12(1), it-tieni sentenza
Artikolu 7(3), l-ewwel sentenza	Artikolu 12(14)
Artikolu 7(3), it-tieni sentenza	Artikolu 12(15)
Artikolu 8(1)	Artikolu 13(1)
Artikolu 8(2)	Artikolu 13(2)
Artikolu 9(1)	Artikolu 11(1)
Artikolu 9(2)	—
Artikolu 9(3)	—
<i>Artikolu 10</i>	21(2)
<i>Artikolu 11</i>	—
<i>Artikolu 12</i>	<i>Artikolu 24</i>
Artikolu 13(1)	Artikolu 25(1), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 13(2)	Artikolu 25(1), it-tieni subparagrafu
<i>Artikolu 14</i>	—
<i>Artikolu 15</i>	<i>Artikolu 27</i>
Anness I – Parti 1	Anness I
Anness I – Parti 2	Anness IV
Anness II	Anness III